# IL-MALTI

RIVISTA TA'
L-AKKADEMJA TAL-MALTI
(GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI)

L-EWWEL U T-TIENI KTIEB
TAS-SENA 1986

IT-62 SENA

## ANTON BUTTIGIEG



## ĦARĠA SPEĊJALI

# IL-MALTI

IMWAQQAF F'MARZU 1925
MILL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI
illum imsejħa
AKKADEMJA TAL-MALTI

---

**BORD EDITORJALI**

*Editur:* Joseph M. Ghigo S.J.
c/o 'Xavier House',
226 Triq S. Pawl,
Il-Belt.
Tel: 623681.

*Membri:*
P. Alfred M. Previ
Joseph J. Camilleri
Dr. Wallace Ph. Guilia
Joe Zammit Ciantar

## KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GĦADD

**Mill-Editur il-Ġdid (Editorjal)** 1

**Anton Buttigieg: Il-Lirika tal-Misteru Moħbi fil-Ħlejjaq** – Oliver Friggieri B.A., M.A., Ph.D. 5

**Il-Ħsieb u l-Ħidma Politika ta' Anton Buttigieg**
Alfred Ellul Galea B.A.(Gen.) 17

**Rapport ta' Anton Buttigieg dwar il-Ħidma tax-"Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti" fl-1940 – 1941**
Ġużè Cassar Pullicino A.L.A. 27

**Tliet Poeżiji ta' l-Aħħar ta' Anton Buttigieg** 35

***Anton Buttigieg, B.A., LL.D.*** – Karmenu Vassallo 41

**Anton Buttigieg li Naf**
Prof. Ġużè Aquilina B.A., LL.D., Ph.D. 43

**Mhux għax kien President ta' Malta**
Dun Frans Camilleri 51

**Biblijografija Anton Buttigieg**
Charles Briffa B.A.(Hons.) M.A., Dip. Arabic 61

**Dan in-numru speċjali ta' *Il-Malti* seta' jiġi pubblikat b'ċerta lussu u fl-istess ħin offrut lill-pubbliku bi prezz baxx bis-saħħa ta' l-għajnuna finanzjarja mogħtija lill-Akkademja tal-Malti mill-**

**Mid-Med Bank Ltd.**

*Fuq il-qoxra: Il-monument lil Anton Buttigieg, xogħol l-iskultur Malti Anton Agius.*

# IL-MALTI

**QARI LI TOĦROĠ**

L-AKKADEMJA TAL-MALTI

(Għaqda tal-Kittieba tal-Malti)

**L-EWWEL U T-TIENI KTIEB** **1986** **IT-62 SENA**

*EDITORJAL*



# MILL-EDITUR IL-ĠDID

Mill-1984 'l hawn il-Kunsill ta' l-Akkademja tal-Malti ta ħajja ġdida lil din ir-rivista mżejna bis-snin biex tilħaq aħjar il-għan tagħha b'riżq l-Ilsien Malti u l-letteratura li żżejnu. Dan il-progress fil-pubblikazzjoni ta' *Il-Malti* sar l-aktar bit-tħabrik kbir tal-Bord Editorjali li l-membri tiegħu kollha reġgħu ġew imwettqa mill-Kunsill il-ġdid ftit wara l-aħħar laqgħa ġenerali tal-Għaqda tagħna. Imma kelma ta' ħajr speċjali tixraq lil P. Alfred M. Previ li għamilha ta' Editur fl-aħħar sentejn. Issa jmiss lili, bil-għajnuna tiegħu u tal-membri l-oħra fil-Bord Editorjali u fil-Kunsill, illi mmexxi 'l quddiem *Il-Malti*.

Ħafna qarrejja ilhom żmien twil jafuni b'ismi bħala kittieb u bħala editur ta' *Problemi ta' Llum*, imma issa kien il-Kunsill stess ta' l-Akkademja li riedni nkun editur ta' *Il-Malti* ftit wara li l-laqgħa ġenerali reċenti ħatritni mill-ġdid President ta' l-Akkademja. B'hekk

se titkompla drawwa qadima u sabiħa fi ħdan l-Akkademja meta għal snin twal il-President tagħha kien ukoll Editur ta' *Il-Malti*.

Il-kotra tal-Maltin u l-Għawdxin lil Anton Buttigieg jafuh fuq kollox bħala poeta, aktar milli bħala kittieb ta' ġeneru ieħor li jżejjen il-letteratura żagħżugħa tagħna. Imma hawn ħafna li 'l Anton Buttigieg jiftakruh ukoll bħala bniedem tal-politika li fl-aħħar snin laħaq President tar-Repubblika. Dawn huma żewġ karigi li joħolqu paradoss f'Anton Buttigieg: hemm rabta bejniethom imma fl-istess ħin huma differenti ferm minn xulxin. Poeta/prożatur, politiku/ President. Dawn huma erba' aspetti fil-persuna ta' Anton Buttigieg, aspetti li jirrappreżentaw ċerta komplessità, u forsi wkoll xi paradoss kif ġà semmejna. Imma mhux kull bniedem għandu magħġuna fih ċerta komplessità u jirrifletti wkoll xi paradoss?

Minn dan il-ħjiel ħafif li tajna, min hu intelliġenti malajr jintebaħ kemm għandu bżonn jistħarreġ aktar fil-fond u bir-reqqa ċerti persunaġġi fil-letteratura tagħna.

Dan in-numru speċjali ta' *Il-Malti* ipprova jwassal dan l-istudju fuq Anton Buttigieg. Għalhekk inġabar dan il-materjal varjat li ssibu f'din il-ħarġa. Imma meta wieħed ikun qara dan il-materjal ippreżentat f'dawn il-paġni, jew xi mkien ieħor, min verament japprezza l-figura ta' Anton Buttigieg għandu joqgħod attent biex iqisu fi żmienu u fiċ-ċirkostanzi tiegħu, mhux jiġġudikah fi żmien ieħor jew f'ċirkostanzi oħra barranin għal Anton Buttigieg. Din hija kwistjoni ta' ġustizzja naturali li xorta waħda jibqa' jgawdi d-dritt fundamentali għaliha kull min ma għadux magħna u allura ma jistax jiddefendi ruħu personalment.

Nittamaw li bil-qari ta' dan in-numru speċjali joħorġu aktar ċari d-dimensjonijiet diversi li jsawru l-personalità ta' Anton Buttigieg. Jista' jkun ukoll li dawn l-istudji miġbura bil-ħeġġa u d-dehen tal-kollaboraturi tagħna jwasslu għal xi studji ġodda fuq Anton Buttigieg. Mhux li jiġri hekk! L-Akkademja tal-Malti tkun ferħana b'dan l-iżvilupp għax tkun żergħet iż-żerriegħa anki jekk ikabbarha ħaddieħor. Sadattant ir-rota tal-ħajja tissokta ddur, waqt li l-Akkademja tal-Malti tifrex ħarsitha lejn persunaġġi oħra fil-firmament letterarju Malti . . .

Ir-rota tal-ħajja Maltija tissokta ddur! Anton Buttigieg żgur li ma kienx xħiħ meta ta sehmu bl-akbar ħeġġa biex idawwarha. Aktarx li mhux kulħadd jaqbel miegħu dwar id-direzzjoni tad-dawriet li taha u li ħadet, ukoll jekk fehem li jdawwarha għall-aħjar. Mhux kull bniedem jitħabat biex idawwar il-ħajja għall-aħjar? Nittamaw bil-ħerqa li kull bniedem jissokta jdawwar il-ħajja tassew għall-aħjar, mhux sempliċement kif jidhirlu hu, imma kif jifhmuha l-kotra tal-bnedmin ta' rieda tajba . . . F'din id-direzzjoni timbuttana l-edukazzjoni umanistika li

ħa Anton Buttigieg u li fih irfinat sentimenti artistiċi u sens kbir ta' għaqda fost ulied din l-art ħelwa speċjalment f'dak li hu essenzjali għal ħajjithom flimkien u fis-sliem. Mhux li jkun dejjem hekk!

Fost il-kollaboraturi ta' dan in-numru speċjali fuq Anton Buttigieg għandhom jissemmew b'mod speċjali l-mexxejja tal-*Mid-Med Bank Ltd.* Dawn issuktaw tradizzjoni kulturali qadima għax għoġobhom jissussidjaw b'ġenerożità kbira dan in-numru li seta' joħroġ akbar u isbaħ mis-soltu. Il-*Mid-Med Bank Ltd.* tana xhieda ta' kollaborazzjoni tassew siewja bejn għaqda kulturali u impriża kummerċjali għall-ġid ta' Lsienna.

## AKKADEMJA TAL-MALTI

**Kunsill għall-1986 – 88**

*President*
Rev. Patri Joseph M. Ghigo, S.J.

*Viċi-President*
Rev. Mons. Prof. Karm Sant, B.A., D.D., S.S.D.

*Segretarju*
Is-Sur Emmanuel F. Attard

*Assistent Segretarju*
Is-Sur Joseph Zammit Mangion, B.Educ. B.A. (Hons.), M.Phil. (Lond.)

*Teżorier*
Is-Sur Pawlu Mifsud

*Assistent Teżorier*
Is-Sur Joseph J. Camilleri, B.A, M.A., A.I.E. (Lond.)

*Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi*
Rev. Patri Alfred Previ, B.A. (Hons.), A.I.L.

*Arkivista*
Is-Sur Charles Galea Scannura, B.A. (Gen.), B.A. (Hons.), M.A., A.C.P., A.R. Hist. S.

*Membri*
Is-Sur Joe Zammit Ciantar, B.A, M.A.
Is-Sur Francis Ebejer
Is-Sur Charles Coleiro
Rev. Mons. Lawrenz Cachia, Lic.D.
Is-Sur Anton Agius Muscat



*OLIVER FRIGGIERI (1947– )*
*mill-Furjana. Studja fl-Università ta' Malta minn fejn ħa l-B.A., l-M.A. u l-Ph.D. u fl-Università Kattolika ta' Milan (1977). Igħallem il-Letteratura Maltija u t-Teorija Letterarja fl-Università ta' Malta. Ħa sehem f'diversi kungressi internazzjonali tal-kritika. Membru ta' l-Association Internatoinale des Critiques Littéraires (Parigi). Awtur ta' diversi studji, poeżiji, rumanzi u saġġi kritiċi. Ħafna mix-xogħlijiet tiegħu nqalbu u ġew pubblikati f'diversi lingwi f'diversi pajjiżi. Fost ix-xogħlijiet tiegħu:* La cultura italiana a Malta . . . Dun Karm *(Firenze, 1978),* Cross Winds *(Skozja, 1980),* Laz *(Belgrade, 1982),* L'esperienza leopardiana di un poeta maltese: Karmenu Vassallo *(Milazzo, 1983),* A Turn of the Wheel *(Skozja, 198 ),* Storia della letteratura maltese *(Milazzo, 1986) u* L-Idea tal-Letteratura *(Malta 1986).* Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri *hu t-tielet rumanz tiegħu. It-tnejn l-oħra,* Il-Gidba *u* L-Istramb *inqalbu f'għadd ta' lingwi.*

# ANTON BUTTIGIEG: IL-LIRIKA TAL-MISTERU MOĦBI FIL-ĦLEJJAQ

**Oliver Friggieri**

Kull poeta, bħal kull bniedem ieħor li jfittex li jagħti forma lix-xejriet spiritwali tiegħu, jitlaq minn viżjoni għallinqas doppja: viżjoni tal-ħajja u viżjoni ta' l-arti tiegħu. Fuq dawn iż-żewġ sisien, fost oħrajn, ikollu jibni l-prodotti tal-kreattività tiegħu. Skond kif iħares lejn il-ħajja, se jaħdem; u skond kif iħares lejn l-arti, se jwettaq il-kompromess bejn l-ideali u r-reali. Minn dawn il-punti tat-tluq, storiċi, għaliex jiffurmaw il-ġenesi tiegħu, irid jitlaq lejn il-livelli mbiegħda li jirnexxilu jilħaq. Jekk jibqa' magħluq fi ħdanhom, jitqies biss bħala djarista jew bijografu, jew soċjologu jew storiku. Jibqa' biss ir-rakkontatur, imqar poetiku, u ma jsir qatt l-interpretu tal-"ħaġa" rakkontata. Minn din il-fażi ta' storiċità li ma tistax tinħarab, jibda l-vjaġġ; skond kemm jitbiegħed mill-punt tat-tluq, il-bijografu privat isir bijografu pubbliku u universali. Minn bniedem li jiftakar isir bniedem li jfakkar; minn dokumentarista jsir viżjonarju.

## Mill-Partikulari (storiku) għall-Universali (poetiku)

Il-ftit waqtiet ta' riflessjoni ta' xeħta estetika ta' Buttigieg huma biżżejjed biex jixhdu r-rebħa tal-Poeżija fuq il-limiti taż-żmien u ta' l-ispazju. Il-poeta "jmiss", f'kontinwità kosmika, id-dejjem u l-kullimkien, l-eternità u t-totalità:

*u jekk jersaq xi poeta*
*elf sena oħra*
*jisma' l-għanja ta' l-egħjun*
*u tas-siġar u tax-xmara,*
*jerġa' jara*
*l-istess mewġ,*
*jerġa' jisma' l-istess fewġ.*
*(Il-għnja taċ-ċaqliq)*

F'dawn il-ftit espressjonijiet jista' jingħad li hemm marsusa

tradizzjoni estetika sħiħa u twila, minn Aristotli san-Neo-Platonisti, mir-romantiċi sa Croce u dawk kollha li seddqu u għadhom iseddqu l-awtonomija, il-libertà sħiħa ta' l-arti mill-kontinġenza taż-żmien, ta' l-ispazju, ta' l-esperjenzi partikulari. Dan il-vjaġġ hu dejjem diffiċli, għaliex ix-xejra ta' l-individwu hi li ma jitbegħidx fir-rilevanza u fil-medda ta' l-implikazzjonijiet minn dak iċ-ċirku komuni ta' immedjatezza u partikularità li jikkaratterizzawh bħala individwu. Minkejja l-individwalità, l-artist irid jikseb is-sens tal-kollettività, li hu, min-naħa l-oħra, għandu l-ħila jagħtiha l-bixra individwali tiegħu, li paradossalment ma tibqax tiegħu, iżda ssir probabbilment jew neċessarjament ta' kulħadd.

Minn Għawdex ta' Anton Buttigieg, mela, irid jinbet il-post li hu wisq usa'; mill-esperjenzi taż-żwieġ tiegħu jridu jispuntaw it-tifsiriet li ma jgħoddux biss għalih jew għal ġrajjiet li għaddew; minn pajsaġġi partikulari, li jistgħu jingħarfu fin-nisel lokali tagħhom, iridu jinbnew ambjenti bla lokalità fissa, emblemi ta' qagħda tar-ruħ. Dan l-eżami jfisser li l-poeta, bħal kull artist ieħor, irid jittraxxendi l-limiti tal-post u taż-żmien tiegħu, biex bis-saħħa ta' dawn il-forom aprioristiċi jasal għall-figurazzjonijiet universali tiegħu. Sakemm Għawdex jibqa' dak li hu għal kulħadd, u sakemm l-esperjenzi jibqgħu fatti persunali, u sakemm il-pajsaġġi msemmija jibqgħu jingħarfu bħala mkejjen marbutin ma' bijografija, il-kittieb ma jkunx rifes fil-letteratura, u jibqa' d-djarista, ir-rakkontatur, l-individwu privat li jikteb il-privatezza partikulari. Meta minn dawn il-materji "primi" jirnexxilu jsawwar emblemi, parabboli jew simboli ta' tifsira usa' skond il-meta u l-fejn tagħhom, ikun sar artist, għallinqas mill-aspett ta' l-estensjoni tar-relevanza: minn persunali għal soċjali, minn soċjali għal nazzjonali (ilkoll limiti usa'), minn nazzjonali għal uman, skond denominaturi komuni.

Din il-ġlieda kontra l-limiti aprioristiċi, li huma awtomatiċi fil-bniedem u karatteristiċi ewlenin tas-soċjologu jew ta' kull storiku, hi aktar iebsa għal artisti li jgħixu f'ambjent magħluq u żgħir. Anton Buttigieg, immexxi sa minn kmieni mill-ossessjoni tal-primitività bħala l-istat ideali-reali waħdani ta' l-għajxien, jara s-sħiħ fil-parti, u jpinġi biex jirrifletti u mhux biex jirriproduċi. It-terminu ħafif u ambigwu "poeta tan-natura" jħaddan deskrizzjoni parzjali; hu korrett sakemm jirnexxilu jindika l-enfasi ta' l-immaġinazzjoni fuq dehriet ta' nħawi, ħlejjaq u manifestazzjonijiet oħra tal-proċess tan-natura. Hi aktarx in-natura tal-veġetazzjoni u tas-sensitività, waqt li f'mumenti rari u maqtugħin għalihom weħidhom hi wkoll in-natura razzjonali, għad li msoffija mill-kalkoli tal-moħħ meqjus bħala "progressiv", jiġifieri bħala moħħ li jimmodifika l-programm awtomatiku tal-ħolqien. Il-protesta hi ironika, u l-għażla tal-progress hi

meqjusa bħala nuqqas ta' dehen:

*Ja dudu tal-ħarir, ħalli 'l-bidwija*
*iddaqqaq it-tajjar u ġġiżż in-nagħġa*
*biex tagħmel qmis bla gost u bla sbuħija*
*lil żewġha raħli.*
*(Għanja lid-dudu tal-ħarir)*

Wieħed mill-paradossi tar-Romanticiżmu jinsab sewwasew hawn: il-mixja progressiva tħaddan il-konservazzjoni mhux mittiefsa ta' kulma hu kategorjali u dejjiemi, sostanzjali u ogħla miż-żmien li jbiddel skond storja ta' avvanzi xjentifiċi. Kontra t-theddida ta' l-industrijalizzazzjoni u tat-teknoloġija, il-poeta-tifel jippreferi l-qadim li jsir etern, il-bikri li jsir uniku u kontinwu. Mela m'hemmx aktar Għawdex, jew l-esperjenza persunali jew il-pajsaġġi u l-ħlejjaq li għexu u llum mietu, iżda hemm dawn bħala spunti ta' parabbola ta' univers wieħed, fejn Alla hu dejjem l-istess. Kontra l-mutabilità tar-raġuni l-poeta jifhem l-immutabilità divina. Dan l-anti-progressiviżmu hu ogħla mill-progress, bħalma l-kunċett ta' l-inutilità ta' l-arti hu superjuri għall-kunċett dejjaq, relattiv, ta' l-utilità politika.

Buttigieg, bħal Dun Karm, Briffa u oħrajn, irnexxielu jinsa n-nisel Malti tiegħu u jqis ruħu ċittadin ta' art waħda, li l-ġejografija tagħha ma tagħrafx nazzjonalitajiet jew fruntieri, iżda distinzjonijiet morali: it-tajjeb u l-ħażin, id-divin u l-uman. F'dan l-ambjent mistiku, in-natura kif mifhuma mir-ruħ safja (rappreżentata mill-poeta) toffri l-prova meħtieġa tar-rabta bejn il-bniedem u Alla, li jixref bis-saħħa ta' l-intuwizzjoni tal-poeta fl-iċken taħrika tal-ħlejjaq:

*Bħala għelm illi l-poeta*
*kien qal kollox is-sewwa*
*is-siġar għalenija*
. . .
*baxxew rashom ħadranija;*
*u qatgħa kbira agħsafar*
*taru minn ġewwa l-wied*
*u daru tliet darbiet.*
*(Żmien ir-rebbiegħa)*

Għalhekk l-aħjar waqtiet tiegħu huma dawk li jippreżentaw ruħ tirrifletti waqt li tara, tisma' u l-bqija. Il-poeżija tixref kull meta l-partikulari jissarraf f'metafora lirika li tagħraf l-umanità minflok in-nazzjonalità, il-kożmu minflok il-pajjiż. F'dawn il-waqtiet, meta l-poeta Malti għandu l-ħila jinsa dak kollu li hu diffiċli li jintesa, waqt li hu minnu nnifsu sekondarju – kulma hu lokali, immedjat, kontemporanju – jista' jingħad li l-poeżija Maltija tikseb il-kwalifika li tiftiehem bħala espressjoni tassew matura ta' ċittadin uman, u mhux

aktar nazzjonali. B' "poeżija tan-natura", mela, nistgħu nifhmu dan kollu, fost ħwejjeġ oħra, aktar milli nifhmu li l-poeta qiegħed ifittex is-skiet u s-seħer ta' nħawi solitarji u pittoreski. Il-gost m'huwiex biss sensorju, iżda wkoll spiritwali; il-poeta mhux biss qiegħed iġarrab bis-sensi barranin, iżda qiegħed jiddiġerixxi bis-setgħat ġewwiena.

**Ir-Ritorn Minflok il-Ħarba**

Minkejja x-xejriet li jidhru eskapisti, jistgħu jidhru aħjar ix-xejriet tar-ritorn lejn il-qofol, l-oriġinali, is-sostanzjali, il-veru. Minflok ma jidher il-poeta-eremit li qiegħed jaħrab mill-belt iffullata biex isib is-serħan fiżiku u spiritwali fir-raħal (dan ukoll, minn barra u sempliċi kif jidher, hu wieħed mill-prinċipji tal-kuxjenza romantika), jista' jidher aħjar il-bniedem li sa fl-aħħar skopra l-veru billi mar lura minn fejn ġie: il-primittiv, in-naturali. Minflok ħarba minn xi mkien, hemm wasla xi mkien. Il-poeta jimmatura billi jsir, mill-ġdid, dejjem iżjed, tifel; isir adult billi dejjem aktar jerġa' jinsa, l-kunċett (ta' l-adult) u jagħżel il-metafora (tat-tifel).

Min-naħa l-oħra, qatt m'hu ħażin li wieħed jisħaq fuq aspett importanti ta' l-arti kollha: fl-egħmil kreattiv m'hemmx ħarba jew tnessija jew twarrib. Hemm, għall-kuntrarju, sejba u konċentrazzjoni, wasla fil-post imfittex mill-kuxjenza sa mill-bidu. L-għodod huma l-immaġinazzjoni, il-fantasija, it-tifkira; iżda anqas dawn ma jistgħu jitqiesu bħala fakultajiet illużorji jew ħarrieba jew aljenanti. Dan ilna nafuh b'mod indirett sa minn żmien id-dinja klassika qadima, seddquh bil-mod tagħhom ir-romantiċi fit-tiftixa tagħhom tar-reali interjuri; iżda fi żmienna, għallinqas minn Freud 'l hawn, werriet b'mod jew b'ieħor ta' Descartes u Kant, dan nafuh ukoll xjentifikament. "M'hemm xejn fl-intellett li qabel ma kienx fis-sens": hi l-verità mikxufa minn Aristotli u milqugħa minn San Tumas. Fuq il-bażi aristoteliko-tomistika ssib id-dinjità tagħha l-Poeżija, daqskemm issib il-ħelsien meħtieġ mill-akkuża sempliċistika li hi, bit-titjir pindariku tagħha, tista' qatt tkun evażiva, u għalhekk ittradixxi l-vjaġġ bla waqfien tal-bniedem lejn il-verità li jrid isib u li ma jafx x'inhi.

Għall-kuntrarju, bl-immaġinazzjoni, bil-fantasija, bil-memorja, il-bniedem ikun niżel indani ta' taraġ fis-sotterran ta' ruħu, xegħel fanal fuq l-irkejjen mudlama, u skopra dak kollu li kien hemm u li mingħalih ma kienx. L-interpretazzjoni Freudjana tal-ħolm seddqet dan fi żmienna, waqt li l-poeti, kif jissuġġerixxi Freud innifsu, għamlu dan mill-bidu. It-titjiriet immaġinattivi ta' Buttigieg, bħal ta' poeti oħra, jiftiehmu bħala realiżmu psikoloġiku.

**It-Tiftixa tal-Verità Misterjuża**

It-tilwima kontra l-arti fuq il-bażi tal-fehma ta' "l-inutilità" tagħha

hi tilwima morali aktar milli teknika jew estetika. Hi kontestazzjoni tal-kunċett innifsu ta' l-utilità u tal-medda tagħha. Il-ħarba tal-poeta "immaġinattiv" tidher ġirja inutli, żejda, kapriċċuża, waqt li hi fil-fatt xhieda ta' tip partikulari ta' soċjevolezza. Il-ħarba, kieku qatt tista' sseħħ fil-bniedem u wisq aktar fl-artist, hi diġà realiżmu dirett: hi dokument ta' qagħda gravi li nisslet din il-ħtieġa. L-ekoloġija fi żmienna hi wieħed mill-effetti li ħalla warajh ir-romantiċiżmu morali-sentimentali (biex nuża d-distinzjoni ta' Croce), u min-naħa l-oħra, hi xhieda xjentifika ta' suspett sostnut poetikament fis-seklu l-ieħor meta l-ispirtu sensittiv beda jibża' li l-belt se tirfes wisq fuq ir-raħal. Il-biża' politiko-soċjali ta' llum (e.g. il-qerda tal-pajsaġġ) kien, u għadu, komponent tal-persunalità poetika.

Mela l-ansjetajiet jidhru fuq il-paġna miktuba, jieħdu l-bixra ta' titjir fantastiku, u jkunu veritajiet sikwit qarsa li għandhom iċ-ċentru tagħhom fil-misraħ ta' l-attivitajiet komuni. Buttigieg qiegħed jesprimi sa minn kmieni dan il-biża' mill-belt u din il-qima lejn l-art imħollija fil-qedem naturali tagħha. L-impressjoni ta' ħarba hi bikrija: b'qari kritiku, imqar b'qari li jżarma kemm kemm is-saffi elementari tal-vokabularju, l-impressjoni tmur jew saħansitra tinbidel fl-oppost tagħha: Buttigieg qiegħed jasal xi mkien u mhux jaħrab minn xi mkien; qiegħed ifittex biex isib, u mhux jiskarta biex ma jsibx. Id-differenza, reliġjuża, hi kbira daqskemm hi bejn il-pożittiv u n-negattiv.

Is-sejba, għandha bħala oġġett tagħha l-bniedem il-qadim, etern, li hemm fil-bniedem: l-ewwel bidwi, l-ewwel ragħaj, l-ewwel nomadu li għall-poeta għad hemm il-fdal tiegħu fil-bniedem ta' l-epoka tal-kompjuter. Hu u jħares 'il ġewwa, fih innifsu, u mhux 'il barra, il-bniedem kuxjenti jifhem l-imgħoddi fl-eternità immutabbli tiegħu u jqis l-attwalità skond l-immutabbiltà u mhux skond iċ-ċaqliq perjodiku. Ir-raħal, il-pajsaġġ, il-ħlejjaq li ma jintmessux mit-tibdil, jidhru fil-qofol sostanzjali tagħhom: twieqi miftuħa fuq l-eternità li l-bniedem jista' jikseb ħjiel mill-iċken tagħha billi jagħraf il-misteru jtektek taħt l-oġġetti. Minn hawn ġejja l-enfasi, bħal fi Briffa, fuq ħlejjaq u oġġetti ċkejknin, mikrokożmi li jqanqlu l-istagħġib, u jkabbru s-suspett dwar il-misteru li x-xjenza ma tistax tinfdu.

Fi ħdan dawn il-konsiderazzjonijiet tidħol dik li b'kelma li m'hix preċiża iżda li tressaqna lejn id-dehra tal-kundizzjoni, insejħulha "poeżija tan-natura"; forsi hi l-eqdem dimensjoni fil-bniedem riflessiv (hekk bdiet, bejn wieħed u ieħor, il-filosofija Griega; minn osservazzjoni kosmoloġika, ir-ruħ għaddiet biex tikkonkludi spiritwalment, u saret filosofika) daqskemm hi fir-ruħ poetika. Il-waqtiet liriċi tal-poeżija kbira tad-dinja klassika qadima, l-għanjiet tat-tribù, il-burdati ta' l-Arkadja, u mbagħad l-iżvilupp kbir ta' din l-imġiba li ġieb miegħu r-Romantiċiżmu storiko-kulturali (jiġifieri tas-seklu dsatax,

biex nuża t-terminu ta' Puppo): dawn huma lkoll passi ewlenin fil-mixja twila u kostanti mill-bidu magħruf sa żmienna. Uħud mill-aqwa ilħna tas-seklu għoxrin, bħal Ungaretti, Quasimodo, Montale, għadhom qegħdin jesprimu l-istess qagħda tar-ruħ, dejjem bit-tibdil tekniku u formali li l-kreattività ġġib magħha minn żmien għal ieħor min-natura u mid-definizzjoni nnifisha tagħha. Minn Fogazzaro sa Salvadori, minn Baudelaire sa D'Annunzio, minn Petrarca sa Leopardi, Zanella u Foscolo, minn Keats sa Wordsworth u Shelley, fost bosta oħrajn, wieħed isib koralità mimlija persunalitajiet maqtugħa minn xulxin, iżda kollha ħerqana li jfittxu s-sens tal-misteru mġarrab, jew għallinqas li jagħtuh forma bil-kelma tagħhom. Il-lirika Maltija ħadet sehem sħiħ f'dan il-kurrent ċentrali bis-saħħa ta' poeti bħal Dun Karm, Buttigieg, Karmenu Vassallo, Zammit, Briffa u oħrajn, li kitbu poeżija li titkellem dwar il-bniedem nomadu spiritwali.

L-innamrar mal-ħsejjes, l-isperimentazzjoni bis-setgħat mużikali kollha li jistgħu joħorġu mill-kliem (ir-rima, l-assonanza, il-konsonanza, l-allitterazzjoni u l-bqija), it-tħaddim ta' ritmi mżewqin li jisiltu l-aspett maġiku tas-sentenza huma lkoll mezzi tekniċi li jikxfu qagħda tar-ruħ. Hemm il-ħtieġa li wieħed jifhem ir-rabta intima bejn il-ħaġa u l-ħoss. L-esperjenza tas-sensi u tal-kuxjenza hi mbiddla f'letteratura bis-saħħa tal-kelma, li m'hix biss tifsira astratta, iżda ħoss. Għall-poeta l-mezzi tal-lingwa huma twieqi miftuħa fuq il-moħba tar-ruħ. F'din is-silta l-poeta jagħti ħoss lill-paċi li jrid ifisser; il-konsonanti *n* tinstema' bosta drabi f'punti aċċentati:

*Tad-dielja u taż-żebbuġ*
*l-egħnieqed imħalltin*
*mal-friegħi taċ-ċirasa*
*imsielet ħamranin;*

*bħall-għenba l-pruna tagħżel*
*biex tonfoħ żewġ ilwien;*
*fanali tqal imdendla*
*mill-friegħi tar-rummien.*
*(Il-gżira ta' Atlantis)*

**Il-Mixja mis-Sensi għall-Kuxjenza**

Għal-Buttigieg ukoll hemm il-ħtieġa li t-tiġrib tas-sensi jsir tiġrib tar-ruħ, u l-kuntrarju. Il-bniedem li jemmen isir eremit li ma jagħraf ebda post awtentiku ieħor għajr l-art li għadha ma ttifsitx mill-mess tal-bniedem. Id-*"Deus in rebus"*, il-*"mens insita omnibus"* ta' Bruno, daqskemm l-imġiba intellettwali u mistika ta' xi Lesser, Fabrizju u Derham, fost oħrajn, li fehmu li jistgħu jirrivelaw lil Alla bl-appoġġ waħdani tan-natura "rivelatriċi" tal-misteru (hekk jagħmel Dun Karm, modernament, f'*Il-Jien u lil hinn Minnu*, meta jiċħad l-appoġġ intellettwali tat-teoloġija u tal-filosofija biex bħall-eżistenjalisti Nsara ta' dan is-seklu jistrieħ biss fuq l-intuwizzjoni, it-tiġriba mingħajr tifsira, ċerta u mhux ippruvata, għax ogħla mill-prova, kif jissuġġerixxi Marcel): dawn ukoll huma dimensjonijiet li jdaħħlu minnufih lil kull min jadotta din l-imġiba mistiko-poetika fit-tradizzjoni qadima u



Dun Frans Camilleri

*Anton Buttigieg b'bintu Rose fil-Buskett.*

għanja li għadha fl-aqwa tagħha sa żmienna.

Biżżejjed wieħed iħares biss lejn ir-rumanzi ta' Herman Hesse. Il-misteru għadu jipprovoka, u l-poeta għadu interessat qabel xejn mit-tentazzjoni tiegħu. Fid-dinja tal-flus, tal-makni, ta' l-istatistiċi, il-poeta għadu immatur biżżejjed biex ifittex is-sisien, l-oriġni, il-qofol, il-bidu. L-għodod tiegħu għadhom primittivi, eqdem mill-filosofija (l-intuwizzjoni) u ixjeħ mix-xjenza (is-suspett). Għalhekk is-sublimità u l-banalità f'idejn il-poeta m'humiex kontinenti mbiegħda minn xulxin iżda elementi li jsawru taħlita waħda.

Id-djalogu man-natura, fil-fatt, hu aktarx is-sura ewlenija, l-aktar ċara, ta' din l-ansjetà. Ladarba m'hemmx ħarba, anzi l-ħarba m'hix possibbli (anqas għall-bniedem, u wisq inqas, skond id-definizzjoni tagħha nnifisha, għall-kuxjenza artistika), il-pjaċir irid jiftiehem aħjar; hu l-qoxra "poetika", iżda s-sustanza poetika hi l-kuntrarju. Il-poeta li jrid iħaddan il-misteru moħbi hu wkoll il-moħħ imħasseb li jinsab bejn ħalltejn: il-loġika u s-suspett, jew aħjar l-intuwizzjoni ċerta. Il-belt issir il-ħażen storiku, u r-raħal, il-pajsaġġ jibqgħu dak li kienu sa mill-bidu: it-tajjeb, għaliex l-essri hu minnu nnifsu meqjus, skond il-filosofija griega tal-bidu, bħala tajjeb. Maż-żmien jidħol il-punt tar-riferiment morali: l-essri jista' jkun ħażin ukoll. Għal ċerti romantiċi l-eżistenza ma tistax tiftiehem jekk mhux bħala innoċenza. Il-problema tal-ħażen hi mġennba jew minsija, bħallikieku hi mutilazzjoni, tagħwiġa, jew ċaħda tad-definizzjoni

nnifisha. Għal romantiċi oħrajn, min-naħa l-oħra, il-ħażen għandu s-supremazija u l-awtonomija tiegħu, u minn hemm, f'koralità li tinkludi lil Schopenhauner daqskemm lil Leopardi, titnissel il-poetika kollha li tibda bid-diqa persunali, timxi sad-diqa universali u tasal biex issawwar l-organiżmu meqjus bħala pessimiżmu, sistema ta' ħsieb daqskemm kodiċi ta' għajxien.

Aħna 'l bogħod minn dan kollu fil-limiti tal-poeżija Maltija, u r-raġunijiet huma kotrana. Iżda ninsabu dejjem fi ħdan l-istess kwadru li jqis lin-natura bħala ktieb: l-ittri tiegħu m'humiex matematiċi, bħalma huma għal xi Galileo, iżda huma poetiċi, intwittivi, maġiċi. Buttigieg jistqarr: "Għalija l-kwiekeb, is-sema, il-baħar u s-siġar m'humiex ħaġa mejta imma ħlejjaq li daqs l-agħsafar ikellmu direttament lil qalbi."

**Il-Letteratura tal-Misteru**

F'dawn ir-riflessjonijiet għażilt li nħalli barra l-konsiderazzjoni letterarja, biex qist biss il-komponenti tal-kuxjenza li sawret, fis-sewwa, ċerta għamla ta' poeżija. L-ispiritwalità, il-psikoloġija, is-"soċjoloġija" tagħha huma xi spunti li fittixt li nagħti ħjiel tagħhom fihom infushom, bħallikieku bħala mumenti miktuba, u mhux bħala kitba ta' mumenti. L-istrateġija letterarja (qabel xejn metaforika) li biha dawn id-dimensjonijiet ta' l-imġiba umana jinbidlu f'poeżija tista' tkun mistħarrġa b'metodi oħrajn. F'dan il-kuntest nifhem li jidher ċar biżżejjed li n-nebha "tan-natura" għandha l-egħruq tagħha fl-istħarriġ tas-sens ta' l-eżistenza; għalhekk hi mġiba reliġjuża, mimlija ritwali, talb u kontenuti fissi.

Min-naħa l-oħra, il-motiv "Malti", jew aħjar lokali (jiġifieri l-motiv ta' l-immedjat, ta' l-*issa* u ta' l-*hawn* minn fejn il-poeta, bħala osservatur fi vjaġġ, jitlaq) hu mirbuħ ukoll. Il-lokalità ma tibqax ġejografika iżda ssir spiritwali. Il-post isir kuxjenza, id-deskrizzjoni tirnexxi poetikament sakemm u safejn jirnexxilha tinbidel f'dokument ta' ruħ riflessiva:

*Li kelli nħażżeż xbieha tal-ġewwieni*
*ta' qalbi miksi b'libsa kollha dija,*
*oh! Kieku kont inħażżeż bar sewdieni*
*bi blat u ramel bil-għollieq miksija,*

*u 'l hawn u 'l hemm xi zokk bla dell, waħdieni,*
*xi dar bis-soqfa mwaqqgħa w imħollija,*
*u fl-għoli nqiegħed il-għajbur xehbieni*
*li jaħbi bil-kemm kemm tajr il-kefrija.*
*(Xbieha ta' qalbi)*

Min-naħa l-oħra, il-motiv pajsaġġistiku hu tipiku tal-viżjoni klassika ta' Malta bħala raħal żgħir, jew aħjar belt li għandha x-xejriet ta' raħal imdawwar bil-baħar, hu tipiku wkoll tal-letteratura wisq akbar tar-reġjun li Malta hi membru ċkejken tiegħu. Sa mill-bidu taċ-

ċiviltà ta' l-inħawi, ir-rabta bejn l-art u s-sema, bejn il-forma tan-natura u s-sens moħbi tagħha kellha importanza kbira li ħadet l-espressjoni tagħha fl-arti, fil-filosofija, fl-arkitettura u f'manifestazzjonijiet oħrajn ta' min għadda mill-ħajja għall-kultura tal-ħajja. Ladarba d-dinjità tal-gżira tinsab qabelxejn fil-qedem tagħha (aktarx l-uniku aspett li jagħtiha tassew garanzija ta' għarfien dinji fuq il-livell ta' l-istudju daqskemm fuq il-livell tat-turiżmu), il-poeżija bħala tiftixa tal-fundamentali għarfet dan bi ħtieġa, u b'naturalezza. Minbarra r-relazzjonijiet mal-kultura mistiko-poetika tal-kontinent, kif semmejt fil-qosor, hemm ir-relazzjonijiet ma' rkejjen oħrajn ta' l-istess kultura. Fi ħdan din il-kuxjenza, li l-poeti Maltin ilhom li interpretawha tajjeb, il-kuntatt bejn il-poeta u n-natura ma jidhirx biss bħala motiv poetiku; jew aħjar, il-motiv poetiku juri li għandu egħruqu mwebbsin 'l isfel, fis-saffi tal-qiegħ, wisq u wisq aktar milli wieħed jista' jaħseb skond storja letterarja biss. Iżda forsi dan hu ċirku vizzjuż, għalkemm feliċi: il-letteratura, l-aktar il-poeżija, hi minnha nnifisha espressjoni ta' arketipi, kixfa tal-mudelli maħżunin matul iż-żmien fil-kuxjenza, fl-inkonxju kollettiv. Għal Buttigieg il-verità ewlenija tal-ħolqien tinsab fir-rabta bejn is-Sabiħ u t-Tajjeb, fuq naħa, u bejn is-Sabiħ u l-Imħabba fuq in-naħa l-oħra. Minn din it-trinità, Sbuħija, Tajjeb, Imħabba, verżjoni ideali ta' l-eżistenza, tinbet ir-reliġjożità hienja tal-bniedem, li hu poeta, jew aħjar tal-poeta li hu mifhum bħala l-ogħla grad ta' umanità ideali li jista' jintlaħaq. Iż-żewġ siltiet li ġejjin iseddqu ż-żewġ rabtiet (Sabiħ u Mħabba; Sabiħ u Tajjeb) rispettivament:

(a) *Ma tafx ġo fihom x'jisboq*
*il-benna jew il-ġmiel.*

. . .

*Xi ġmiel, xi ħlewwa,*
*Kollox hu sewwa.*
*(Il-gżira ta' Atlantis)*

(b) *Għaraf b'għajnejh il-għaqda*
*li hemm bejn Ġmiel u Mħabba*

. . .

*Is-sliem għalik, ja Mħabba,*
*int iddejjem is-sbuħija.*
*(Żmien ir-rebbiegħa)*

Dawn il-ftit riflessjonijiet jistgħu jiswew biex, 'il barra minn kull ġudizzju letterarju (li jsir mod ieħor), jidhru aħjar il-kawżi mhux magħrufa li jnisslu dik li tidher biss bħala poeżija tan-natura. Fir-reġjun, fil-pajjiż, skond ġrajja qadima u skond qagħda kontemporanja li baqgħet terda' ħafna mill-qedem, imqar jekk taħt skorċi reċenti, il-

pajsaġġ għadu jaqdi l-funzjoni ta' sieħeb karatteristiku ta' kull attività, u forsi fih hemm marsusa l-identità vera. Ir-reklami turistiċi ta' llum mhux biss huma midjunin, fil-psikoloġija, fl-atmosfera u sikwit fit-terminoloġija tagħhom, mal-poeżija tal-biraħtlura u tal-bieraħ, iżda huma sforz poetiku biex jinbiegħ prodott. Waqt li hemm differenza bejn motivazzjoni kummerċjali u motivazzjoni poetika, l-oġġett jidher li hu l-istess: l-art qadima, li l-għajnejn tat-turista jaraw biex jiftakru, u li l-għajnejn tal-poeta jaraw biex jingħalqu u jħallu, minn stadju 'l quddiem, lir-ruħ tibdel fi spiritwalità.

**Kundizzjoni akbar mil-Letteratura**

Fi ħdan dan il-kwadru tista' tiftiehem il-lirika ta' Buttigieg, mimlija insistenza fuq in-natura tal-vegetazzjoni u tas-sensitività daqskemm tiftiehem l-impressjoni l-oħra li l-poeżija Maltija kollha tgħum fl-istess baħar. Xi riflessjonijiet oħrajn f'din il-kitba għandhom l-għan li jqanqlu s-suspett (li jista' jiġi ppruvat b'analisi meħtieġa) li minnha nnifisha l-letteratura Maltija għadha tgħix, bħalma kienet, f'din il-kundizzjoni, ogħla mill-burdata taż-żmien, ifned mil-livell tal-gost kontemporanju. Hi l-isfida tal-kittieb taż-żmien, mela, li jesplora l-modi differenti li jagħtu forma lill-istess kuxjenza, imqar jekk il-kuxjenza ġġarrab il-varjazzjonijiet tagħha wkoll. L-insularità, is-solitudni tal-gżira, min-naħa l-oħra, huma swar li jseddqu l-istint tal-konservazzjoni, ogħla miż-żmien imma mqiegħed fi spazju li, bħalma ngħad, jitlef poetikament (kif jagħmel Buttigieg kważi dejjem) ix-xejriet lokali, u jarmi l-isfumaturi li jrażżnuh biex jintrabat ma' rokna biss tal-gżira kollha, li hi, għall-kuntrarju, l-univers, l-art li tirfes fuqha r-ruħ bħallikieku "fil-ħolma t'Alla".

**NOTA BIBLJOGRAFIKA**

Dawn huma xi studji oħrajn ta' Dr. Oliver Friggieri dwar il-poeta. "L-Univers Superjuri ta' l-Ewwel Perijodu (1928 – 1949)", *Saġġi Kritiċi*, Malta, A. C. Aquilina, 1979, pp. 7 – 41.

"'Il-Kebbies tal-Fanali' – Analisi Strutturali", *Saġġi Kritiċi*, ed. ċit, pp. 42 – 52.



*Stamperija Indipendenza*

*Il-monument li sar lill-poeta (fil-Blata-l-Bajda, il-Ħamrun) dak in-nhar li nkixef, Mejju, 1985.*

*Persunalitajiet distinti, fosthom il-Prim Ministru Dr. C. Mifsud Bonnici u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni Dr. E. Fenech Adami, li attendew għall-kxif tal-monument lil Anton Buttigieg – turija ta' rispett lill-poeta.*



*Stamperija Indipendenza*



*ALFRED ELLUL GALEA (1945 – ) mir-Raħal Ġdid. Studja fil-Liċeo (il-Ħamrun). Għal xi żmien ġurnalista u* reporter *Parlamentari mal-ġurnal* Il-Ħaddiem *u editur ta' bil-lejl ma'* Il-Berqa. *Għamel il-kors ta' taħriġ għall-għalliema fis-St. Michael's Training College (Ta' Ġorni). Għalliem tal-Malti u l-Istudji Soċjali fi Skola Sekondarja tal-gvern. Studja fl-Università ta' Malta minn fejn ħa l-B.A. (Gen.) (1982). Għal xi żmien President ta' l-Għaqda Kittieba Żgħażagħ (illum Grupp Awturi). President ta' l-Għaqda Kulturali Bizantina. Membru fl-Akkademja tal-Malti mill-1985. Awtur tar-rumanzi* Bint is-Skiet *(1971),* Misruq *u* Erba' Kadavri f'Miljun *(traduzzjonijiet) u* Qtil f'Marsaxlokk (1975) (oriġinali). *Kiteb ukoll novelli,* essays *u artikli fuq suġġetti varji – fosthom l-istorja.*

# IL-ĦSIEB U L-ĦIDMA POLITIKA TA' ANTON BUTTIGIEG

**Alfred Ellul Galea**

Anton Buttigieg jista' jitqies bħala wieħed mill-protagonisti ta' l-istorja reċenti ta' niesna. Il-ħidma tiegħu fl-oqsma politiċi, soċjali u kostituzzjonali tinfirex fuq medda ta' ftit aktar minn terz ta' seklu li matulha ħadem u stinka għall-ideali li ħallem miegħu. Matul dan iż-żmien kollu rnexxielu jitla' skaluna wara l-oħra s-sellum tal-ħajja pubblika u minn deputat ħabrieki f'nofs is-snin ħamsin inkuruna l-karriera politika tiegħu bil-ħatra bħala t-tieni President tar-Repubblika.

Bħall-bqija tal-bnedmin Anton kellu għadd ta' ideali li xtaq jara jseħħ tul ħajtu. Uħud minnhom stqarrhom waqt taħdita li għamel dak inhar li l-Gvernatur Ġenerali Sir Anthony Mamo għemeż fuq sidru l-midalja "Ġużè Muscat Azzopardi" bħala għarfien tal-ħidma tiegħu b'riżq l-ilsien Malti.[1] Fost l-ewlenin insibu x-xewqa ħerqana u sinċiera li jara 'l-Malti jingħata għarfien nazzjonali. Iżda Buttigieg żewweġ dan l-iskop ma' oħrajn ta' bixra politika. Stqarr li xtaq jara lil artna "indipendenti u Maltija" taqdi l-missjoni bħala ċentru ta' paċi fir-reġjun ta' madwarna. Għan ieħor li ddedika ħajtu għalih kien dak li jgħolli d-dinjità tan-nazzjon Malti.[2]

Il-ħidma tiegħu fil-qasam ta' l-Ilsien Malti bdiet ħafna qabel ma nxteħet għall-politika. Kellhom jgħaddu s-snin minn fuqu, kważi erbgħin sena, qabel ma medd riġlejh f'dan il-qasam. Iżda sakemm qorob iż-żmien li jagħtiha għall-ħajja pubblika kien diġà bena isem fi, u tħabbeb maċ-ċirku dejjaq ta' dawk li kienu jħobbu l-Malti. Din l-imħabba bla qies għal ilsienna wasslitu biex tefgħetu f'taqbida diretta ma' l-awtoritajiet governattivi u universitarji ta' żmienu. Fis-snin li qatta' bħala student fl-Università minbarra kontribut letterarju u l-

1. Buttigieg A., "Qalbi bħall-bilbla tgħanni" f'*Il-Polz*, Jannar – Ġunju 1972, għadd 21, p. 11.
2. *Ibid.* Ara wkoll *l-Orizzont*, 28/12/1976 u *Mill-Album ta' Ħajti* ta' A. Buttigieg, it-tielet ktieb, K.K.M. 1981, p. 342.

ħidma fit-twaqqif ta' l-Għaqda tal-Malti (Università) ta sehmu fil-ġlieda b'riżq ilsienna. Bħala segretarju ta' din l-għaqda kiteb ittra lill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien dwar it-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel lokali.[3] L-ittra, kienet iġġib ukoll il-firma ta' Mons. Pietru Pawl Saydon fil-kariga ta' President, uriet it-tħassib ta' l-imseħbin għad-deċiżżjoni meħuda mill-gvern li l-Malti jiġi mgħallem kif mitkellem, jinkiteb kif jinħass u li għandu jkun ta' għajnuna għat-Taljan. Wara li r-Rettur xela lill-għaqda u 'l-membri tagħha b'għanijiet politiċi, Buttigieg u sħabu ma tħallewx aktar jiltaqgħu fl-Università.[4]

F'Buttigieg, bħal f'Ġużè Muscat Azzopardi, f'Ġużè Ellul Mercer u oħrajn, insibu r-rabta intima bejn ilsien niesna u l-politika. L-impenn fil-qasam politiku ħafna drabi twaħħad ma' dak letterarju. Għalhekk inqeda sew b'dan l-ilsien li kien jgħozz biex seta' jwassal ħsibijietu lill-kotra. Dan għamlu permezz ta' kitba ta' xejra ġurnalistika, diskorsi pubbliċi, epigrammi u poeżiji. Iżda fost dawn kollha din ta' l-aħħar kienet l-aqwa mezz li bih seta' jfisser ix-xewqat ġewwiena li kien iħaddan. F'uħud mill-versi tiegħu ħafna drabi nsibu mistqarra l-fehmiet politiċi li xtaq jara jieħdu l-ħajja aktar tard f'ħajtu.[5]

Għall-ideali tiegħu Anton kien lest jagħmel kull sagrifiċċju. Saħansitra kien lest jissagrifika ħajtu. Bi kliemu stess stqarr li l-politiku ġenwin u onest hu dak li jħobb lil art twelidu u jaħdem minn-għajr waqfien għall-mixi 'l quddiem tal-poplu tagħha. Aktar minn hekk hu dak li lest "jissagrifika ruħu għalih u jekk ikun hemm bżonn anki jissogra l-libertà u l-ħajja tiegħu għalih."[6] Kemm dan hu minnu jixhduh it-taqtigħ il-qalb, is-sagrifiċċji u l-ingratitudni li l-ħajja pubblika sqietu. Għax bħala politiku ġenwin għaraf li ħidma bħal din titlob tiġrib u tbatijiet bla tmiem. Iżda minkejja kollox issokta fi triqtu għax l-għajn ta' l-ispirazzjoni tiegħu kienet it-twemmin nisrani.[7]

Bejn is-snin ħamsin u s-snin sittin pajjiżna għadda minn tibdil politiku kbir. Kien f'dan iż-żmien li Anton daħal fix-xena politika u f'tebqa t'għajn stabbilixxa ruħu b'egħruq sodi f'dan il-qasam. Ma setax jonqos li s-snin li għadda bħala spettur tal-pulizija fi żmien il-

3. "Ittra lill-Prim Ministru fuq Tagħlim il-Malti fl-Iskejjel" f'*Leħen il-Malti*, Ottubru 1932, numru 20, pp. 10 – 12.
4. "Ktib u Tweġib ta' Ittri" f'*Leħen il-Malti*, Marzu 1933, numru 25, p. 16. Ara l-ittra ta' Buttigieg f'*Għażiż Karmenu* . . . ta' Karmenu Vassallo, Gulf 1982, p. 49.
5. Ara "Il-Kappella tal-Paċi" f'*Il-Għanja tas-Sittin* ta' A. Buttigieg, K.K.M. 1974, pp. 57 – 58.
6. *L-Orizzont*, 28/12/1976, pp. 1 – 2.
7. Buttigieg A., *Il-Għanja tas-Sittin*, p. 61.

gwerra jservu biex ilaqqgħuh ma' kull xorta ta' nies minn kull livell tal-ħajja, l-aktar ir-raġel tax-xogħol. Dan żgur li ħalla minquxa fuqu xi għelma li aktar tard kellha timbuttah fl-arena politika. Wara xi snin bħala korrispondent tar-rapporti legali għall-ġurnal *The Times of Malta* kif ukoll bħala kittieb ta' l-editorjali għall-istess ġurnal, Buttigieg qatagħha li jikkontesta l-elezzjonijiet ġenerali li kellhom isiru f'Mejju ta' l-1951. Bħala kandidat mal-Partit Kostituzzjonali mmexxi mill-Professur R. V. Galea huwa kkontesta l-elezzjoni fuq żewġ distretti. Il-magħmudija tan-nar fil-politika bdieha tajjeb ħafna meta tqis li l-ewwel għadd ta' voti fit-tmien distrett kien ta' aktar minn seba' mitt preferenza.[8]

Iżda sentejn wara, fl-1953, il-partit li ħareġ miegħu nqasam u għall-elezzjoni ta' dik is-sena isem Anton insibuh fil-lista tal-kandidati tal-Partit Laburista li fil-programm elettorali tiegħu kellu l-pjan ta' għaqda ma' l-Ingilterra. Għalkemm ma kisibx siġġu fl-Assemblea Leġiżlattiva huwa ntefa' b'ruħu u b'ġismu fix-xogħol tal-partit. Fis-sena ta' wara nsibuh membru fl-eżekuttiv tal-*Malta Labour Party*[9] u fl-1955 ġie elett bħala rappreżentant tal-poplu wara elezzjoni każwali biex jimtela l-post battal ta' l-avukat J. Flores li kien laħaq imħallef.[10] Il-ħdima politika tiegħu issa ssuktat toktor bil-fomm u bil-pinna, l-aktar bis-saħħa tal-kariga li beda jokkupa bħala editur tal-ġurnal ta' kull ġimgħa *The Voice of Malta*.

Matul dan il-perijodu ta' taqlib politiku fi gżiritna Anton reġa' sab ruħu deputat mill-ġdid fl-elezzjonijiet ta' l-1962. Sena qabel, il-ħidma tiegħu fi ħdan il-partit Laburista kienet żdiedet sew meta kien inħatar Deputat Mexxej wara l-mewt ta' Ġużè Ellul Mercer. Għal tlettax-il sena sħaħ, iġifieri bejn l-1950 u l-1963, Buttigieg ma ppubblika ebda ktieb ta' xejra letterarja. Xhieda ċara li x-xogħol kotran fl-isfera politika ma ħallilux żmien jaħseb dwar dan. Ħsibijietu kienu mixħuta fuq affarijiet oħra, jitħabat biex isseħħ waħda mill-fehmiet ewlenin tiegħu li għamlitu "matador ewlieni" fil-glieda b'riżq art ħielsa minn kull ilġiem barrani.[11] F'din it-taqbida ħtieġlu jinfatam mill-għeżież ta' madwaru u jterraq 'il bogħod f'artijiet barranin f'delegazzjonijiet tal-partit. Hemmhekk fisser ix-xewqa tal-Maltin għal drittijiet kostituzzjonali

8. Ara *Result of Poll – General Elections May 1951* mitbugħ fil-Government Printing Office.
9. Anon, *Il-Qawmien tal-Ħaddiem Malti*, l-ewwel volum 1920 – 1955, Freedom Press 1971, p. 162.
10. Xerri, J.A., *Storja fil-Qosor ta' l-Elezzjonijiet f'Malta*, Union Press, bla data, p. 16.
11. Buttigieg A., *Fl-Arena*, Union Press 1970, p. 5.




*Stampa tal-bolla ta' 25ċ. – waħda minn sett ta' tlieta – maħruġa mill-Uffiċċju Filateliku tal-Posta ta' Malta biex tfakkar it-twaqqif tar-Repubblika ta' Malta, li fiha, flimkien mal-Prim Ministru ta' dak iż-żmien – D. Mintoff u l-ewwel President tar-Repubblika Sir Anthony Mamo jidher Anton Buttigieg, dik il-ħabta Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari. (Disinn ta' Chev. Emvin Cremona)*

u jeddijiet umani aktar xierqa. Saħansitra għamilha ta' "tallab"[12] biex jiżgura li t-talbiet tiegħu jintlaqgħu u fl-istess waqt ikunu ta' fejda għal art twelidu u l-poplu tagħha.

Fil-kariga ta' konsulent legali u avukat difensur ewlieni tal-partit huwa ta sehmu fil-konferenzi kostituzzjonali ta' l-1958 u l-1964 li kienu saru fil-kapitali Ingliża. Għadd ta' emendi għall-kostituzzjoni ta' l-indipendenza li tressqu mill-Partit Laburista tfasslu minnu. L-istess jista' jingħad għall-emendi li sarulha fl-1974 meta Malta saret repubblika.[13] Fiż-żewġ okkażjonijiet storiċi Anton ħadem ħafna biex jara jitwettaq wieħed mill-ideali tiegħu ta' nazzjon ħieles minn kull irbit barrani. Il-ħidma tiegħu ma waqfitx wara dawn iż-żewġ ġrajjiet importanti fil-mixja kostituzzjonali ta' pajjiżna. Hu ssokta jissielet sakemm artna setgħet tgħaddi mingħajr il-preżenza ta' qawwiet barranin fostna, għan li ntlaħaq f'Marzu ta' l-1979 meta Buttigieg ra sseħħ xewqa oħra intima. Dak in-nhar kien jokkupa l-ogħla kariga ta' l-istat bħala President tar-Repubblika.

Bħala kap ta' l-istat dejjem saħaq dwar il-ħtieġa ta' għaqda bħall-aħwa bejn il-Maltin. Sa mill-ewwel diskors tiegħu bħala President ħeġġeġ lill-poplu biex iħobb lil pajjiżu u jaffronta l-problemi ġejjiena "f'għaqda bejnietna u f'atmosfera ta' rieda tajba lejn xulxin."[14] Iżda Anton ma ppridkax l-għaqda u l-imħabba fl-aktar jum ta' ferħ f'ħajtu biss. Imewġu ta' spiss fi vrusu nsibu dawn iż-żewġ motivi nobbli. Il-poeżiji bikrija tiegħu[15] diġà kienu jisħqu fuq daż-żewġ temi li aktar 'il quddiem stqarrhom bħala President. Tul ħajtu, wkoll fil-ħajja politika, waħħad miegħu ż-żewġ kelmiet "għaqda" u "imħabba" u daħħalhom fil-vokabolarju ta' ħajtu. Kien tal-fehma li permezz tagħhom biss jistgħu jseħħu ħsebijietu u dawk ta' ħutu l-bnedmin.

Dan il-messaġġ nobbli Anton ma għaddiehx biss lill-kbar, lil dawk midħla sew ta' l-isfera politika, iżda wkoll liż-żgħażagħ u lit-tfal Maltin. F'messaġġ lill-qarrejja ta' rivista għall-istudenti fl-iskejjel primarji u sekondarji fl-okkażjoni tal-ħelsien mill-qawwiet barranin qalilhom li l-għaqda hi l-muftieħ għal kull suċċess fil-ħajja. Fl-istess messaġġ insista fuq il-ħtieġa li lkoll ngħixu bħal "aħwa u familja

12. *Ibid.*, p. 12.
13. *Debates tal-Kamra tad-Deputati*, il-100 Seduta tal-Ħames Parlament, l-Erbgħa, 9 ta' Mejju, 1983, p. 1550. (Diskors ta' D. Mintoff).
14. *L-Orrizont*, 28/12/1976, p. 1.
15. Ara l-poeżija "Il-Għanja" li A. Buttigieg ippubblika f'*Leħen il-Malti*, Marzu 1931, numru 1, p. 7.

waħda."[16]

Impenn ieħor marbut ma' Buttigieg il-politiku hu l-viżjoni ta' Malta bħala ċentru ta' paċi fir-reġjun tal-Mediterran.[17] Huwa xtaq jara aktar għaqda u kooperazzjoni bejn in-nazzjonijiet ta' dan il-baħar li jħaddan lil gżiritna: Għax l-għaqda u l-armonija bejn iċ-ċittadini Maltin biss m'hix biżżejjed. Jeħtieġ li ċ-ċirku jikber, jitwessa' aktar u jmiss artijiet oħra qrib tagħna. Ħidmitu f'dan il-qasam wasslitu biex jingħata għarfien internazzjonali bl-għoti tal-*"Premio Internazionale di Cultura Mediterranea"*, għax Buttigieg ħadem bla waqfien biex tissokta tikber u tixtered l-edukazzjoni għall-paċi fost il-pajjiżi ta' madwarna. B'hekk biss, kif kien stqarr tajjeb hu stess, setgħet titbiegħed minn fostna t-theddida ta' gwerra u titqarreb aktar lejna l-paċi.[18] Ix-xogħol li għamel b'riżq dan il-ħsieb għani għandu eku fid-diskorsi mqanqla li kien għamel fil-Kunsill ta' l-Ewropa u fil-Ġnus Magħquda kif ukoll matul is-snin li serva bħala President tar-Repubblika.

F'Buttigieg insibu ideal politiku ieħor li stinka bla heda għat-ttwettiq tiegħu. Permezz tas-sħubija fi ħdan partit politiku hu seta' jkun ta' fejda u ta' għajnuna għall-batut. Tħabat kemm felaħ biex itejjeb id-dinjità umana. Biex iwassal lill-kotra għall-emanċipazzjoni tal-moħħ u ta' l-għajxien. Ħadem ħafna biex lill-ħaddiem Malti jarah ħieles mhux biss mill-faqar materjali iżda wkoll mill-injoranza. Għamel parti minnu din ir-rieda qawwija sa minn meta kien għadu żagħżugħ jipprattika l-liġi u l-pariri li kien jagħti f'dawk iż-żminijiet laqqgħuh mal-qagħda mwiegħra ta' bosta minn ħutu. Aktar tard, kemm bħala deputat kif ukoll bħala Ministru nsibuh jisma' b'paċenzja kbira l-problemi tagħhom. Kien jagħmel l-almu tiegħu biex jgħinhom iħollu ftit mill-problemi kotrana li kienu jifilġuhom. Għax iċ-ċittadin lill-politiku jfittxu f'bosta ċirkostanzi u f'kull okkażjoni li jkollu "jaħtfu biex iferra' f'ħoġru l-problemi kollha li jkollu."[19] Hawn tispikka l-umanità ta' dan il-politiku. Anton hu l-politiku li jibqa' bħall-bqija tal-bnedmin. Ma jinqatax minnhom. Iżomm riġlejh imsammrin ma' l-art. Ma jinfatamx mill-kotra. Kif kiteb tajjeb l-istess poeta tan-natura fid-daħla għal "Fanali bil-Lejl" fil-ktieb "Poeżiji Miġbura", "mill-imħabba bejn ir-raġel u l-mara fis-saltna tax-xtieli, tal-ħut, ta' l-agħsafar, tal-bhejjem u tal-bnedmin jiena ngħaddi għall-

16. Buttigieg A., "Messaġġ tal-President tar-Repubblika ta' Malta" f'*Sagħtar*, Marzu 1979, għadd 62, p. 9.
17. *Il-Polz*, Jannar – Ġunju 1972, p. 11.
18. Buttigieg A., *Mill-Album ta' Ħajti*, it-tielet ktieb, p. 301.
19. *L-Orizzont*, 2/1/1981, p. 1.

imħabba lejn il-proxxmu.''[20]

Lejn tmiem is-snin ħamsin Buttigieg, flimkien ma' politiċi oħrajn, tefa' ħidmitu b'riżq il-ħarsien ta' l-impjiegi ta' eluf ta' ħaddiema fit-tarzna. Għal dan il-għan ħa sehem f'delegazzjonijiet f'Londra biex b'xi mod tittaffa l-pjaga tal-qgħad fost il-ħaddiema f'din l-industrija ewlenija f'pajjiżna.[21] F'dawn iż-żmienijiet ukoll insibuh jaffronta sidru jiddefendi lill-istess nies tax-xogħol li kienu ħadu sehem fi protesti fit-tarzna. Ta wkoll għajnuna legali lil dawk li kienu tressqu quddiem il-qrati Maltin mixlijin li kien ħadu sehem fl-irvellijiet ta' April ta' l-1958. F'Anton sabu l-kenn mixtieq fi żminijiet meta ma kinitx ħaġa faċli li ssib min jiddefendik.[22]

Aktar tard, bħala Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari, huwa ressaq fil-Kamra tad-Deputati għadd ta' liġijiet bil-għan li jtejbu l-ħajja ekonomika u soċjali tal-Maltin. Tħabat kemm felaħ biex jiksbilhom drittijiet umani xierqa. Għax Buttigieg m'għamilx tiegħu l-frażi mistmerra *"vulgus vult decipi"*. Għall-kuntrarju huwa ħass li l-poplu jeħtieġlu min jgħinu u mhux min iqarraq bih. Għat-tisħiħ ta' din ix-xewqa qaddisa Anton mhux biss iġġieled bl-akbar qawwa iżda kien lest jitlef il-libertà u l-istess ħajtu biex jaraha titwettaq.

Din l-imħabba għamja għal ħutu l-bnedmin, l-aktar għall-batut, rabbiet l-egħruq fih meta kien għadu żagħżugħ. L-ewwel poeżija tiegħu, li kienet dehret fil-Pronostku Malti fl-1929[23] għanniet il-ħidma tal-bidwi fis-sajf. Żgur li ma kinitx kumbinazzjoni li fl-ewwel laqgħa ta' l-Għaqda tal-Malti (Università) poeżija mit-tnejn li kien qara dak in-nhar kienet iġġib l-isem ta' "Ix-Xogħol".[24] Fi ħdan din l-għaqda Anton iltaqa' mat-tabib Ġużè Bonniċi u Anton Mamo li aktar tard taw sehmhom fil-ħajja pubblika u sar midħla tagħhom. Ta' l-ewwel permezz tal-kitba soċjali u politika u l-ieħor bħala l-ewwel Gvernatur Ġenerali Malti u l-Ewwel President tar-Repubblika. Aktar 'il quddiem, fit-tieni nofs tas-snin tletin l-imħabba tiegħu għall-ilsien Malti laqqgħetu ma' kittieba oħra stabbiliti Maltin bis-saħħa tas-sħubija tiegħu fl-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum l-Akkademja tal-Malti. Hawnhekk ukoll ixxierek ma' wħud mill-aqwa esponenti tal-letteratura Maltija li kellhom sehem attiv fl-isfera politika ta'

20. Buttigieg A., *Poeżiji Miġbura*, l-ewwel volum, K.K.M. 1978, p. 155.
21. Ellul Galea K., *L-Istorja tat-Tarzna*, Il-Ħajja 1973, p. 385.
22. Micallef Stafrace J., *Fehmti*, K.K.M. 1976, p. 81.
23. Buttigieg A., *Poeżiji Miġbura*, p. 54.
24. Ara *Leħen il-Malti*, Marzu 1931, numru 1, p. 12.



*Dipartiment ta' l-Informazzjoni*

*Ritratt uffiċjali ta' Anton Buttigieg President*

żmienhom.

Fl-arena politika Anton ma kienx il-bniedem riġidu li ma jagħtix widen għal dak li jlissen ħaddieħor. Kien jaf safejn għandu jasal. Anki f'waqqtiet ta' tensjoni politika kont issibu minn ta' quddiem iħeġġeġ lil kulħadd biex jgħożż u jħobb lil art twelidu. Dejjem għanna u saħaq dwar l-għaqda u l-imħabba fost il-bnedmin, kemm fil-ġurnali kif ukoll bl-għadd ta' poeżiji u epigrammi b'tema politika. Poeżiji tiegħu b'din ix-xejra nsibuhom imxerrda l-aktar fil-kotba "Fl-Arena", "Il-Għanja tas-Sittin" u "Ejjew Nidħku Ftit Ieħor". Bħala president Buttigieg kien il-bniedem ideali bl-appelli tiegħu għall-għaqda, l-imħabba u t-tama. Anki l-messaġġi tiegħu minn fuq il-mezzi tax-xandir fil-kariga ta' kap ta' l-istat kienu mimlija ħeġġa u patrijottiżmu.

Dawn it-tliet motivi ta' għaqda, imħabba u tama, flimkien ma' dak tal-maħfra, insibuhom minsuġa f'għadd ta' poeżiji li nkitbu fi żminijiet ta' tibdil kostituzzjonali jew inkella meta kien ministru.[25] Kemm mal-kisba tal-ħelsien politiku kif ukoll meta artna saret repubblika Anton niseġ f'versi l-ħsus ta' moħħu u qalbu waqt il-waqtiet storiċi. L-istess għamel mat-tluq tal-qawwiet barranin minn fostna. Buttigieg iħares lejn din il-kisba importanti bħala firda ta' "żewġ maħbubin".[26] Għax minkejja l-firda, iħoss li għandu juri t-tama tiegħu li 'l quddiem iż-żewġ nazzjonijiet, Malta u Ingilterra, ikunu żewġt iħbieb "naħdmu flimkien għall-ġid."[27]

Iżda fuq kollox, minbarra dawn l-ideali sbieħ u nobbli, Buttigieg jibqa' msemmi wkoll għall-umanità li kellu u li għenitu mhux ftit biex tagħmlu l-figura prominenti fil-qasam politiku kif nafuh ilkoll. Kien il-politiku li jħoss għafsa ta' qalb għall-iċken inġustizzja. Kien il-bniedem li minbarra li ppriedka l-imħabba u l-għaqda kien jaf jagħder u jaħfer. Fuq kollox Anton kien il-politiku li f'tarf il-mina dejjem jilmaħ dak ir-raġġ ta' dawl mimli tama.[28] Bis-saħħa tal-ħidma tiegħu fil-qasam politiku l-poplu Malti kiseb wirt fejjiedi li għandu jservih ta' dawl għal żminijietna u għall-ġejjieni.

25. Bosta minn dawn il-poeżiji jinsabu fiż-żewġ kotba ġà msemmija *Fl-Arena* u *Il-Għanja tas-Sittin.*

26. Ara l-poeżija ta' Buttigieg "Il-Għanja tat-Tluq" fil-*Programm tat-Tijatru Manoel* tad-29/3/1979 fl-okkażjoni tal-kunċert mill-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta u dik tal-Majestà Tagħha r-Royal Marines Commando Forces.

27. *Ibid.*

28. Buttigieg A., *Mill-Album ta' Ħajti*, it-tielet ktieb. Ara d-daħla qasira ta' l-awtur.



*ĠUŻÈ CASSAR PULLICINO, A.L.A. (1921– ), minn Birkirkara u mrobbi Ħal Tarxien. Studja l-Liċeo u wieħed mill-ewwel studenti li tgħallmu l-Malti fl-Università taħt il-Prof. Ġ. Aquilina. Matul is-servizz tiegħu mal-gvern kellu il-karigi ta' Biblijotekarju fl-Università u ta' Direttur ta' l-Industrija (1971–79). Membru fl-Akkademja tal-Malti mill-1941. Asst. Editur ta'* Leħen il-Malti *(1944–52); Editur ta'* Melita Historica *(1952–61) u tal-*Maltese Folklore Review *(1962–73). Editja* Id-Djalogi ta' De Soldanis *(1947),* Il-Poeżiji ta' Ġ. A. Vassallo *(1951–52), tliet taqsimiet (1962–64) mis-sensiela* Kitba u Kittieba tal-Malti *li tasal sal-1870,* Ġemgħa Sunetti bil-Malti sal-1900 *(1976) u l-ewwel ktieb "Novelli Soċjali u Kitbiet Oħra" ta'* Il-Kitbiet Miġbura, *ta' Ġużè Ellul Mercer (1985). Awtur ta'* Kelma Waħda Biss u kitbiet oħra *(1971),* Aquilina u l-Malti *(1974),* Il-Folklore Malti *(1975),* Studies in Maltese Folklore *(1976) u* Dun Karm: Tagħrif Ġdid u Noti Kritiċi *(1985). Kitba u studji oħra tiegħu dwar l-ilsien, l-istorja u l-folklor ta' niesna dehru sew f'Malta kif ukoll barra minn Malta.*

# Rapport ta' Anton Buttigieg dwar il-Ħidma tax-"Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti" fl-1940 – 1941

Ġużè Cassar Pullicino

F'din il-ħarġa speċjali iddedikata lil Anton Buttigieg qiegħed nistampa r-rapport li kien għamel bħala Segretarju tax-"Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti" għas-snin 1940 u 1941.

Mhux il-każ li nsemmi fid-dettall l-istorja u l-ħidma ta' din ix-Xirka li l-ħtieġa tagħha kienet leħħet għall-ewwel darba f'moħħ il-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani. Min huwa interessat jista' jsib it-tagħrif li jeħtieġ dwar il-bidu u kif imxiet ix-Xirka fit-teżi ta' Michael A. Sant, *Għaqdiet għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti.*[1] Infakkar biss illi Buttiġieġ kien wieħed mill-erba' promuturi – l-oħrajn kienu t-tabib Ġużè Bonnici, Ġużè Chetcuti u Ġorġ Pisani – li ħabbru laqgħa għall-Ħadd, 15 ta' Jannar, 1939 bil-ħsieb li titwaqqaf Xirka ta' Propaganda. F'dik il-laqgħa Anton Buttigieg inħatar Segretarju tal-Kumitat Proviżorju li, bejn is-16 ta' Jannar u l-4 ta' Frar, 1939, sawwar l-Istatut tax-Xirka li mbagħad kien mgħoddi l'Laqgħa Ġenerali nhar is-26 ta' Frar, 1939 li fiha wkoll Buttigieg kien elett Segretarju.

Anton Buttiġieġ baqa' bħala Segretarju tax-Xirka matul l-ewwel sena li fiha kienet saret l-akbar ħidma tagħha, sakemm reġgħet saret laqgħa ta' l-imseħbin kollha nhar il-Ħadd, 18 ta' Frar, 1940 biex jintgħażel Kumitat ġdid. F'dik il-laqgħa reġa' nħatar Segretarju Buttigieg, bit-tabib Ġużè Galea bħala President flok Dr. Ġużè Bonnici.

F'Ġunju ta' dik is-sena faqqgħet il-Gwerra ma' l-Italja, u Malta kellha tgħaddi minn żmien imwiegħer ħafna li ħarbat ix-xogħol ta' kull għaqda kulturali bħalma kienet ix-Xirka. Madankollu, ix-Xirka ma mititx u safejn setgħet issuktat bil-ħidma tagħha sa ħruġ is-sajf tas-sena 1941, kif jidher mir-Rapport ta' Buttigieg li jġib id-data tat-13 ta' Settembru, 1941.

Wara kważi disa' xhur ta' waqfien fix-xogħol tax-Xirka mħabba

1. Xogħol ta' tiftix fis-suġġett tal-Malti għall-Baċċellerat ta' l-Arti (B.A. General) ta' l-Università Rjali ta' Malta, 1964, pp. 101 – 113.

ż-żminijiet li konna ngħixu fihom, jiena kont inħtart Segretarju minflok Buttigieg fil-laqgħa tat-30 ta' Mejju, 1942. Niftakar, huwa ma setax jiġi għal dik il-laqgħa u jiena kont ktibtlu biex naraw kif nagħmlu ħalli huwa jgħaddili l-Ktieb tal-Minuti, il-korrispondenza u l-karti l-oħra li kellhom x'jaqsmu max-Xirka. Wara xi żmien kont mort għalihom għandu, fid-dar tiegħu, 266 Triq San Gejtanu, fil-Ħamrun, u tahomli biex ix-Xirka setgħet tkompli l-ħidma tagħha.

Lil Anton Buttigieg kont sirt nafu qabel, meta kont student fil-Kors tal-Letteratura, ftit ġimgħat biss wara li kien ġie elett Segretarju tax-Xirka, fil-Laqgħa Ġenerali tat-18 ta' Jannar, 1940. L-okkażjoni kienet waħda mil-laqgħat tal-Għaqda tal-Malti (Università), li kienet saret fit-8 ta' Frar, 1940 u li fiha jien kont qrajt kitba qasira *"Inħobbu Lsienna"*, studenti sħabi qraw studji oħra, waqt li Anton Buttiġieġ, li kien diġà Nutar fl-aħħar sena għal avukat, kien ġie u qralna l-poeżiji tiegħu "Il-Qamar", "L-Agħsafar", "Liċ-Ċiviltà", "Ġrajja ta' Mħabba", u "Il-Lewża Miżhara". Fis-6 ta' Marzu saret laqgħa oħra ta' l-istudenti, li fiha ġie Dun Karm bħala l-mistieden speċjali u qralna żewġ poeżijiet tiegħu mhux stampati, waqt li Buttigieg qara xi poeżijiet oħra tiegħu, jiġifieri "Żewġ Bnedmin", "Xbiha ta' Qalb", "Wara l-Ġlieda", "Ma nafx għaliex", "Lill-Muża", "Eva", "Il-Qamar fil-Ġnien" u "Meta kienet se tfaqqa' l-Gwerra".[2]

Laqgħa oħra tal-Għaqda ta' l-Istudenti kienet dik ta' l-4 ta' April, 1940 li fiha kien sar dibattitu fuq mozzjoni li ressaq Buttigieg, issekondat mis-sur (illum Monsinjur u Professur) Karm. Sant, *Illi l-Ħakma tal-Kavalieri ma kinitx ta' Ġid għal Malta.* Imbagħad fil-laqgħa ta' l-24 ta' April Anton Buttigieg, li sadattant kien spiċċa l-istudji legali u ħa l-grad ta' LL.D., qara l-poeżija tiegħu "Lill-Għodwa".[3]

Dawn l-ewwel kuntatti tiegħi ma' Buttigieg issuktaw wara Ġunju ta' l-1940 meta ġie li konna niltaqgħu fuq il-vapur ta' Għawdex, meta hu kien ikun sejjer lejn il-Qala u jiena biex nara l-familja tiegħi, li kienet evakwata fir-Rabat, Għawdex. Id-diskors kien dejjem jaqa' jew jispiċċa fuq il-Malti, u x'kien qiegħed jikteb poeżija, u hekk. Għaldaqshekk, għalkemm kien ikbar minni disa' snin, la hu u lanqas jien ma mbarazzajna ruħna meta jien, bħala s-Segretarju l-ġdid tax-Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti, mort għandu l-Ħamrun u għaddieli, l-korrispondenza u l-minuti tax-Xirka.

Is-sentejn li fuqhom jitkellem ir-Rapport ta' Buttigieg huma dawk li

2. Ara *Leħen il-Malti*, Għadd 109 – 110, Marzu – April, 1940, pp. 23 – 24.
3. *Op. cit.*, Għadd 111 – 118, Mejju – Diċembru, 1940, p. 71.

l-inqas nafu fuqhom għal dik li hi ħidma tax-Xirka għall-Malti,[4] u għalhekk it-tagħrif li jissemma fih jimla xi ftit mill-battâl li għandna. Iż-żewġ rapporti tiegħi bħala Segretarju għas-sena 1942 u għas-sena 1943 jorbtu ma' dak ta' Buttigieg li qiegħed jidher stampat hawnhekk. Minnhom it-tlieta joħroġ kwadru sew tal-qagħda li sibna ruħna fiha f'dawk is-snin koroh, kif ukoll tal-ħeġġa li żammitna magħqudin biex nisfidaw u negħilbu d-diffikultajiet kbar li sibna ma' wiċċna biex nirfdu, insaħħu u nxandru l-ġieh ta' l-Ilsien Malti.

Fl-1959, meta l-ħidma tax-Xirka, imħabba żviluppi oħra, kienet ilha li wara li bdiet u baqgħet tmajna mill-1944 'il quddiem, sfat fix-xejn, jien kont tajt il-karti kollha li kelli f'idejja lill-Bibljoteka ta' l-Università, fejn għadhom jinsabu fit-Taqsima tal-Melitensja (Mss. Nri. 20 u 22). Ma nafx kif, l-oriġinali tar-Rapport ta' Buttiġieġ għas-snin 1940 – 1941 kien tħawwadli ma' karti oħra persunali u għalhekk baqa' għandi. Bil-pjaċir kollu qiegħed nippubblikah issa għall-istorja, u fl-istess ħin bħala turija tal-ħidma siewja ta' Anton Buttigieg bħala segretarju f'dawk is-sentejn koroh fil-ġrajja ta' artna.

## XIRKA GĦAT-TIXRID TA' L-ILSIEN MALTI

### Rapport tas-Segretarju għas-snin 1940 – 1941

Sur President,
Sinjuri,

Jidhirli li ma għandix għalfejn noqgħod nagħti tifsir għaliex ma saritx il-għażla tal-Kumitat f'Jannar ta' din is-sena u għaliex dan il-Kumitat baqa' fil-ħakma sa llum. Ngħidilkom biss li l-Kumitat sejjaħ fi ħdanu lil Patri Lettur Leonard Zammit, O.F.M. biex jieħu l-post tal-mibki Dr. Ġużè Bonnici, M.D., bħala dak li kellu l-akbar għadd ta' voti, u ngħidilkom x'għamel dan il-Kumitat f'dawn id-dsatax-il xahar li ilu jmexxi x-Xirka.

Il-Kumitat għamel b'kollox 7 laqgħat u l-ħidma tiegħu tista' tit-

4. Michael A. Sant, fix-xogħol tiegħu (għadu ttajpjat) *Għaqdiet għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti*, 1964, p. 108, jikteb hekk: ". . . Kien żmien ta' twerwir u taqlib. Il-laqgħat tal-Kumitat bdew isiru iżjed u iżjed imbiegħda minn xulxin; ix-xogħol tax-Xirka nistgħu ngħidu li waqaf għal kollox. Ma hemmx xi nsemmu fl-1941, u fi kważi l-ewwel sitt xhur tas-sena 1942".


3). Korrispondenza mal-Gvern.

*Żewġ siltiet mill-manuskritt tal-minuti.*

qassam taħt dawn ir-rjus: 1) Kumitati Distrettwali, 2) *Leħen is-Sewwa*, 3) Korrispondenza mal-Gvern, 4) Ħwejjeġ oħra.

**1. Kumitati Distrettwali**

Ta' min isemmi u jfaħħar fuq kollox u qabel xejn ix-Xirka tan-Nadur taħt it-tmexxija tal-Kumitat ħabrieki tagħha, u fosthom lill-President tagħha Patri Lettur Pawl Tabone, O.F.M., is-Segretarju s-sur Kelinu Vella Haber, u l-Viċi-President Dr. Ġużè Cauchi, LL.D. Barra miż-żona tal-*blizz*, huma kellhom is-setgħa li jwettqu ħidma akbar b'riżq l-Ilsien Malti, u din il-ħidma huma wettqu bil-ġieh kollu u bla biża' ta' xejn. Is-Segretarju bagħatli rapport tal-ħidma tagħhom li jien sejjer naqra kif mibgħut lili, u għalhekk tistgħu taraw b'għajnejkom x'għamlu u x'ma għamlux. Fost l-aħħar ħidmiet tagħhom hemm it-twaqqif ta' Xirka oħra fix-Xagħra ta' Għawdex.

Din is-sena twaqqfet ukoll fergħa tax-Xirka f'Raħal Ġdid mis-sinjuri Ġorġ Chetcuti, Karmnu Sant u Ġ. Cassar Pullicino.

Biex noqgħod għal dak li għedtuli fl-aħħar laqgħa, jiena ktibt lill-President tax-Xirka tar-Rabat, Għawdex, biex jerġa' jagħti l-ħajja lil dik ix-Xirka, iżda t-taħbit tagħna ma rnexxiex.

**2. *Leħen is-Sewwa***

Tista' tgħid fil-laqgħat kollha tal-Kumitat tagħna ssemma dan il-ġurnal: l-ortografija tiegħu kienet bħal xewka f'daharna li ma stajniex nissaportu u stħarriġna aktar minn darba l-mezzi kif nagħmlu biex titbiddel. Ħaġa li ma titwemminx, daqsxejn ta' artiklu fit-*Times* kien id-duwa tal-għaġeb li fejqet marda kbira: illum, kif tafu intom, *Leħen is-Sewwa* qiegħed joħroġ bl-ortografija tal-poplu Malti u f'din il-bidla għandha sehem kbir ix-Xirka tagħna.

**3. Korrispondenza mal-Gvern**

Hawnhekk nistgħu ngħidu li qatt ma ħallejna nemusa toqgħod fuq imneħirna: kull x'ħin inqala' l-għawġ konna dejjem ta' l-ewwel li gergirna ma' l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur; u l-ittri tagħna dejjem kienu l-bidu ta' kampanja fil-gazzetti.

Kien il-Kumitat tagħna illi f'Settembru tas-sena l-oħra qajjem il-kwistjoni ta' l-ismijiet tat-toroq bil-Malti u li mħabba fih il-Gvern waqqaf Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq; u kien il-Kumitat tagħna li dawn il-ġranet seddaq, flimkien ma' l-istudenti tal-Kors Akkademiku tal-Liġi, il-jedd tal-poplu Malti li jużа lsien art twelidu.

Ma rridx ninsa nsemmi li l-Kumitat tagħna wkoll talab lill-Gvern biex il-flus li jiġu ivvutati għat-titbigħ tal-kotba bil-Malti jiġu maħruġa f'vot wieħed biex hekk ikunu jistgħu jintefqu kollha meta d-Direttur tat-Tagħlim ma joħroġx kotba bil-Malti.

**4. Ħwejjeġ Oħra**

Fost l-oħrajn ktibna wkoll lil Ġużè Sultana, il-ħabbari tal-BBC, u għednielu biex iħeġġeġ lill-Maltin kollha mxerrdin mad-dinja biex iħobbu 'l-Ilsien Malti, jistudjawh u jwaqqfu soċjetà bħal tagħna.

Fl-aħħar laqgħa, li saret fl-24 ta' Awissu, 1941, il-Kumitat għoġbu jaħtar, fuq il-proposta ta' Brother Charles Amedy,* lil San Ġwann Battista de la Salle bħala patrun tax-Xirka tagħna. Il-ħidma ta' dan il-Qaddis għal ilsien art twelidu hija magħrufa biżżejjed għalhekk jixraqlu li jkun il-Qaddis li jmexxi lit-tixrid u l-għlieda tal-Malti.

U sewwasew kif weġibt lil Brother Charles Amedy, għajnuna tas-sema jaħtieġ il-Malti llum. Ħafna jaħasra li, ftit ilu, kienu ġewwa l-linji tagħna jiġġieldu magħna għall-Ilsien Malti, għall-għan ta' moħħhom illum neħħew il-maskra u qegħdin jisparaw fuqna u kontra tagħna jiġġieldu kontra l-Ilsien Malti. Is-saħta ta' Malta fuqhom dawn in-nies, li fi kliem il-poeta Skoċċiż, jinżlu f'qabarhom:

*"unwept, unhonoured and unsung".*

Jaħtieg li jifhimha kulħadd li l-kwistjoni tal-lingwa hija ħaġa ta' l-imgħoddi, u min iqanqalha ma jagħmilx ħaġa oħra ħlief iqanqal ġlied, mibegħda u taħwid, u jekk għandha titqanqal ma għandhiex titqanqal biex jitnaqqsu l-jeddijiet tal-Malti iżda biex jiżdiedu. Jalla San Ġwann Battista de la Salle jitfa' ftit dawl fl-imħuħ ta' dawn in-nies, u t-tixrid tal-Malti jibqa' sejjer 'il quddiem bħal xmara safja u mdiehba lejn il-baħar bnazzi taċ-Ċiviltà.

**Anton Buttigieg**
**Segretarju**

**13.IX.'41.**

**Nota:* Dan il-Brother, ismu *Amedy* u kunjomu *Charles*, kien waqqaf ix-*"Xirka tal-Malti għat-Tfal".*

ANTON BUTTIGIEG



*Fil-Palazz ta' San Anton f'waħda mil-laqgħat tal-membri ta' l-Akkademja tal-Malti mal-President Anton Buttigieg.* (*ritratt:* The Times)

3448 Meta Ħadt l-Aħbar tat-Tluq

Kienet sabiħa l-belt,
Ġustużi n-nies,
ħelwin it-toroq,
u tajjeb l-ikel;
iżda qaluli nitlaq,
u ħelli nitlaq
bil-ferrovija
li mhux ma tieqaf sa ma tasal
ġo pajjiż ġdid...
Forsi f'dan il-pajjiż
jien nara
lil ommi u lil missier
u 'l Alla tiegħi.

A. Buttigieg

14/7/80.
Bristol.

*Riproduzzjoni tal-manuskritt tal-poeżija "Meta Ħadt l-Aħbar tat-Tluq".*

# TLIET POEŻIJI MINN TA' L-AĦĦAR TA' ANTON BUTTIGIEG

## Meta Ħadt l-Aħbar tat-Tluq

Kienet sabiħa l-belt,
gustużi n-nies,
ħelwin it-toroq,
u tajjeb l-ikel;
iżda qaluli nitlaq,
u kelli nitlaq
bil-ferrovija
li mkien ma tieqaf sa ma tasal
ġo pajjiż ġdid . . .
Forsi f'dan il-pajjiż
jien nara
lil ommi u lil missieri
u 'l Alla tiegħi.

14.7.80
Bristol

---

**Nota:** Fl-istess manuskritt minn fejn ittieħdet il-poeżija 'Meta Ħadt l-Aħbar tat-Tluq' Buttigieg kiteb din in-nota. *"Meta fl-isptar tawni l-aħbar li kien għad fadalli biss tliet snin ħajja mħabba l-marda li kixfu fija."* Il-poeżija 'Is-Salib' dehret riprodotta (kif inhi fil-manuskritt) fuq in-naħa ta' wara tas-santa tal-mewt li saret lill-poeta. Il-poeżija 'Tama' hija l-aħħar poeżija li tidher fil-manuskritti li ngħataw lil-Librerija Nazzjonali ta' Malta. Din iġġib id-data tad-9 ta' Diċembru, 1982. Il-poeta miet nhar il-5 ta' Mejju tas-sena ta' wara. Qabel miet, Buttigieg għamel żmien f'sensih sew u jista' jkun li kiteb xi poeżija oħra. Imma jekk inhu hekk, kopja tagħha fil-manuskritti li kien iżomm (illum L.N.M., Libr. Ms. 1576 – 1, 2, 3, 4) ma hemmx.

Dawn il-poeżiji qegħdin jidhru bil-permess ġentili ta' Dr. John Buttiġieg f'ismu u f'isem ħutu, ulied il-poeta.



*Riproduzzjoni tal-manuskritt tal-poeżija 'Tama'*

## Tama

Mill-kamra tiegħi
ġewwa l-isptar
jien frixt fil-veranda
li tagħti
għal triq il-ġnien.
Xi ġmiel ta' *turf* melliesi,
l-isbaħ tapit;
in-nida tiddi
fil-mogħdijiet
bid-dawl tax-xemx bikrija
moħbija taħt is-saħab.
U f'nofs it-*turf*
hemm siġra kbira
bil-weraq illi nixef
biċċa mdendel mill-friegħi
u biċċa mifrux taħtha.

Jien ukoll bħas-siġra
bil-weraq li qed jinxef;
'mma fir-rebbiegħa
li ġejja
il-weraq li minni jaqa',
mhux bħal dak tas-siġra,
jerġa' jħaddar bil-friegħi,
iżda jibqa'
niexef għal dejjem,
il-friegħi tiegħi
jibqgħu fil-għera!

'Mma l-ebda niket
ma għandi f'qalbi:
jien żgur li s-siġra tiegħi
terġa' tħaddar u twarrad
fl-eternità.

9.12.82
Southmend Hospital
Bristol


Is-Salib

Sew kif xtaqt int, Ġesù,
jien erfajt salibi
u mxejt warajk.

Iżda issa l-mard waqqafni
ħadli s-salib minn spallti,
waħħlu mal-art
u lili sallab fuqu.

Ġesù,
m'għandix ix-xorti
li nkun imsallab
bik ħdejja f'salib ieħor;
iżda għall-anqas għidli
f'xi ħin:
"Illum tkun miegħi
ġo dar Missieri."

16/10/80. A. Buttigieg

*Riproduzzjoni tal-manuskritt tal-poeżija 'Is-Salib'*

## Is-Salib

Sew kif xtaqt int, Ġesù,
jien erfajt salibi
u mxejt warajk.
Iżda issa l-mard waqqafni
ħadli s-salib minn spallti,
waħħlu mal-art
u lili sallab fuqu.

Ġesù,
m'għandix ix-xorti
li nkun imsallab
bik ħdejja f'salib ieħor;
iżda għall-anqas għidli
f'xi ħin:
"Illum tkun miegħi
ġo dar Missieri."

16.10.80

*Is-Santa tal-Mejtin li saret lil Anton Buttigieg.*



B'TIFKIRA GĦAŻIŻA
TA'
ANTON BUTTIGIEG
EX-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA
TA' MALTA
LI MIET FIL-5 TA' MEJJU, 1983
FL-GĦOMOR TA' 71 SENA
ĦALLA JIBKU T-TELFA TIEGĦU
LIL MARTU MARGERY, U LIL ULIEDU
JOHN, ROSE U EMANUEL
LIL FAMILJI TAGĦHOM,
QRABA U ĦBIEB

Agħtih O Mulej il-Mistrieħ ta' dejjem



*Anton Buttigieg u kittieba u persunalitajiet oħra nhar il-kxif ta' lapida kommemorattiva lill-Poeta Rużar Briffa fil-Barrakka ta' Fuq, il-Belt. Ħdejn Buttigieg jidher Dr. Oliver Friggieri, dak in-nhar President tal-Moviment Qawmien Letterarju li għamel il-lapida. (ritratt:* The Times*)*



*KARMENU VASSALLO (1913 – ), mis-Siġġiewi. Studja fl-Iskola tal-Gvern, fil-Kulleġġ San Alwiġi (B'Kara) u fil-Kunvent San Mark ta' l-Agostinjani (ir-Rabat) fejn għamel kors ta' letteratura Latina u Taljana, kors ta' Filosofija u xi xhur ta' Teoloġija. Għal xi żmien ġurnalista; editur ta' Paġna Letterarja; għalliem tat-Taljan u l-Malti; Rappreżentant tal-Poplu fil-Kunsill tal-Gvern; Surmast tal-Malti fil-Liċeo;* script-writer *mad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni u* School B'casting officer *ma' l-Awtorità tax-Xandir. Membru fl-Akkademja tal-Malti mill-1937. Awtur ta'* Metrika Maltija *(1940),* Nirien *(1939),* Kwiekeb ta' Qalbi *(1944),* Ħamiem u Sriep *(1959) u* Tnemnim *(1979). Qaleb għall-Malti wkoll* A Tale of Two Cities *ta' C. Dickens fi* Ġrajja ta' Żewġt Ibliet *(1950).*

# ANTON BUTTIĠIEĠ, B.A., LL.D.*

Żagħżugħ li rada' u xorob l-arja bnina
u safja tal-għoljiet u tal-widien,
kiber qawwi u felħan u b'qalb ħanina
għanna l-għaxqa wis-seħer tal-ħolqien.

Għanna l-btaia tal-palm, kobor u żina
ta' ħdura; il-bjuda tar-ranċis; l-ilwien
tal-qawsalla u tal-ward; il-ħajja rżina
li timla l-art u s-sema u kullimkien.

Ħabb il-ħlejjaq ċkejknin, ħelwin, bħall-vjoli;
ra ġmiel Alla f'farfett, għaqlu fin-naħal;
sama' l-ħsejjes irqâq, siekta tad-dud.

Ra s-sħab imiss mad-djar: imil fil-għoli
il-kampnar taż-Żebbuġ: u ġens ir-raħal
jitbiegħed minnu biex ma jkunx meqrud.

2 ta' Ġunju, 1944 **K. VASSALLO**

---

*Dan is-sunett dwar Anton Buttiġieġ (1912 – 1983) bħala poeta nkiteb fuq l-erbgħin sena ilu meta Karmenu Vassallo kien Surġent-Għalliem mal-K.O.M.R. stazzjonat l-Imdina. Sa dak in-nhar Dr. Buttiġieġ kien għadu ma ħareġ stampat ebda wieħed mill-kotba tal-poeżiji tiegħu. Minħabba f'hekk Vassallo sata' jsemmi biss xi poeżiji li Buttiġieġ kien laħaq ippubblika fl-almanakk ta' Muscat, "Pronostku Matli", u f'xi rivisti letterarji bħal "Leħen il-Malti" u "Il-Malti". Biex l-istudjuż jew min jinteressa ruħu fil-poeżija lirika Maltija jieħu idea aħjar ta' dak li ried ifisser Vassallo b'dan is-sunett jeħtieġlu jaqra u jixtarr il-poeżiji li jissemmew fis-sunett t'hawn fuq. – **L-Editur.**



*ĠUŻÈ AQUILINA (1911– ) mill-Munxar, Għawdex. Studja fl-Università ta' Malta minn fejn iggradwa B.A. (1934) u LL.D. (1937) u fl-Università ta' Londra fejn ħa l-Ph.D. (1941). Professur tal-Malti u Ilsna Orjentali fl-Università ta' Malta (1937–1976). Għal xi żmien membru fil-Kunsill ta' l-Università u tas-Senat; Dekan tal-Fakultà ta' l-Arti u membru f'diversi kumitati oħra; President ta' l-Għaqda tal-Malti (Università); President Onorarju ta' l-Akkademja tal-Malti (sar membru fl-1935); President ta' l-Għaqda tal-Professuri fl-Università A.T.R.U.M. Awtur ta' xogħlijiet li jinkludu: ir-rumanz* Taħt Tliet Saltniet *(1938), lingwistika –* The Structure of Maltese *(1959) u* Papers in Maltese Linguistics *(1960),* A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs *(1972), drammi –* Il-Bniedem li Ċaħdu *(1955),* Fit--Teatru *(1962) u* L-Ikkundannata . . . *(1969), kritika –* Studji Kritiċi Letterarji *(1969) u kitbiet oħra bħal* Il-Polz ta' Malta *(1954) u s-sensiela* Madwar il-Ħajja *(l-ewwel ktieb 1955). Awtur ukoll ta' studji lingwistiċi li qara f'kungressi internazzjonali li saru f'Malta u barra minn Malta – uħud minnhom ippubblikati f'rivisti lokali u barranin fosthom il-*Journal of Maltese Studies *(Malta),* Orbis *(Belġju),* Lingua *(Olanda) u* Journal of Semitic Studies *(Manchester). Kontributur regolari ta'* Il-Ħajja *u* The Sunday Times *(of Malta). Qed jaħdem fuq l-aħħar provi ta'* Dizzjunarju Malti Ingliż.

# ANTON BUTTIGIEG LI NAF

**Ġużè Aquilina**

ANTON Buttigieg, li twieled fl-1912, kien madwar sena iżgħar minni. It-tnejn Għawdxin, hu mill-Qala u jien mill-Munxar, sirna nafu lil xulxin studenti fis-seminarju ta' l-Isqof, fir-Rabat Għawdex. Dak li l-aktar laqqagħna flimkien kien l-imħabba għall-Ilsien Malti u l-poeżija. Fl-awtobijografija tiegħu Buttigieg qal li kont jien li tajtu l-ewwel ħjiel tal-prosodija Maltija.[1] It-triq tal-Muża fetaħha f'Għawdex. Wessagħha u komplieha Malta meta daħal l-Università u kien jaqra xi poeżiji fil-laqgħat ta' l-Għaqda tal-Malti (Università).

Fis-seminarju ta' Għawdex konna studenti minn kull naħa tal-gżira, x'uħud minna – bħal Buttigieg – kienu jiġu mill-bogħod tal-gżira; ilkoll ferħana għax ilkoll żgħar inħarsu lejn il-ħajja li kien għad hemm quddiemna. Naturalment dejjem kien hemm il-'babaw' ta' l-eżamijiet.

Kultant noqgħod naħseb f'dawk iż-żminijiet u ngħid għalija nnifsi u għal Buttigieg, it-tnejn ulied il-ħaddiema: 'Jien mill-Munxar wasalt biex sirt avukat u l-ewwel Professur ta' l-Ilsien Malti u Ilsna Orjentali fl-Università tagħna – katedra li żammejt ħajja għal madwar erbgħin sena. U Buttigieg, mill-Qala, wasal biex sar avukat, daħal fil-ħajja pubblika tal-pajjiż u spiċċa l-karriera tiegħu bħala t-tieni President tar-Repubblika ta' Malta . . . żewġ Għawdxin li ma nistgħux ingergru mill-karriera li għamilna. Min jaf li kieku dak iż-żmien, bħal fi żminijietna, kien ikollna nsibu lil xi ħadd biex jisponsorjana ħalli nkomplu l-Università konniex nagħmlu din il-karriera?'

Jien u Buttigieg, l-aktar li ltqajna flimkien kien fl-Università. Niftakru student bis-suttana sa ma marritlu l-vokazzjoni għal qassis[2] u qabad it-triq għal avukat – professjoni li daħal għaliha b'ruħu u

1. "Fil-klassi miegħi kien hemm Ġużè Aquilina, li kien trabba ma' zitu l-Munxar. Huwa qalli li l-poeżija barra r-rima kellha wkoll is-sillabi fil-versi li setgħu jkunu minn 4 sa 12 (*sic*) u kellha wkoll l-aċċenti fl-istess versi. Jien ħtaft dak li qalli u malajr bdejt nikteb poeżija bir-ritmu." Anton Buttigieg, *Mill-Album ta' Ħajti*, l-ewwel ktieb, Malta 1978, p. 70.
2. Dwar kif "marritlu l-vokazzjoni" ara x'qal l-awtur innifsu fuq "Il-Għażla tal-Vokazzjoni" f'*ibid.*, it-tieni ktieb, Malta, 1980, pp. 27 – 29.



*Anton Buttigieg qiegħed jippreżenta l-Medalja tad-Deheb tas-Soċjetà Kummerċ, Manifattura u Arti lill-Prof. Ġużè Aquilina (26.5.79).*

b'ġismu u għenitu biex jitħallat man-nies sa ma darba, minn ġurnalista ma' l-*Allied Newspapers* qabad triq oħra . . . daħal mal-Partit Laburista u tħabat għall-ideat politiċi tiegħu.

L-ewwel poeżiji tiegħu kien jippubblikahom fir-rivista *Leħen il-Malti*.[3] Mill-ewwel laqatni bħala poeta ġenwin; anki jekk fil-bidu l-ħakma tiegħu fuq il-vokabularju poetiku ma kinitx għadha waslet għall-ispontanjetà li naraw fil-poeżija tiegħu meta kiber u mmatura fis-snin u fl-esperjenza.

L-impressjonijiet tiegħi dwar il-poeżija ta' Anton Buttigieg kont esponejthom fi studju kritiku dwar il-poeta bħala Poeta Romantiku xi snin ilu fil-ktieb tiegħi *Studji Kritiċi Letterarji*.[4] F'dan l-istudju wrejtu kif inhu tabilħaqq "poeta tan-natura".

Għal Buttigieg in-natura kienet l-akbar milja ta' l-esperjenza poetika tiegħu. Kien jitwaħħad magħha, iħossha u jfissirha f'tixbih oriġinali. Buttigieg jixbah lilu nnifsu, jiġifieri l-poeżija tiegħu fil-qalba tagħha m'hix poeżija derivattiva bħall-poeżiji ta' ħafna oħrajn, imma hija fawra ta' l-immaġinazzjoni tiegħu kollha dawl, kollha kuluri, kollha tinqix bħal ġawhar imfarrak li jilma fid-dija tax-xemx, fawwara ta' ispirazzjoni li gelglet minn qalbu bħalma fawwara ta' ilma safi tgelgel minn ġol-blat. Buttigieg kien poeta ġenwin, poeta tan-natura u, fuq kollox, poeta reliġjuż.

Ir-reliġjon ta' Buttigieg m'hix reliġjon istituzzjonali. Kien u baqa' kattolku anki fi żminijiet kontroversjali. U għalhekk il-poeżija tiegħu hija essenzjalment poeżija ta' spiritwalità pura u ma naħsibx li dan is-sens ta' spiritwalità tilfu, anqas meta l-politika tal-pajjiż tħabblet ma' kwistjonijiet ta' natura reliġjuża.

Ma rridx inħalli barra lil Buttigieg bħala poeta esperimentali, poeta li fil-Malti daħħal esperimenti poetiċi ġodda bħalma huma l-poeżiji qsar Ġappuniżi, il-*ħajku* u t-*tanka*.

Huwa interessanti tosserva f'Buttigieg, poeta liriku, il-ħila ta' mgħallem fil-kitba ta' l-epigrammi. F'wieħed mill-kotba tiegħu għamilt studju dwaru bħala epigrammista u ma nħossx li esaġerajt meta xebbahtu mal-poeta Latin Marziale.[5]

Buttigieg kien ukoll prożatur. Bħala ġurnalista politiku marbut

3. "Konna niltaqgħu sikwit f'laqgħat letterarji u wara nistampaw il-kitbiet tagħna f'*Leħen il-Malti* li kien beda jinxtara u jinqara ġmielu." *Ibid.*, p. 63.

4. Ara "Anton Buttigieg Poeta Romantiku" f'Ġużè Aquilina, *Studji Kritiċi Letterarji*, Malta 1969, pp. 123 – 148. F'p. 148, bi żball jidher li dan l-istudju sar fl-1995.

5. Ara Ġ. Aquilina "Kelmtejn Qabel" f'A. Buttigieg *Ejjew Nidħku Ftit*, Malta, 1962, pp. i – v.



*Nhar il-miġja f'Malta ta' l-ex Kanċellier ta' l-Awstrija Bruno Kreisky (fir-ritratt qiegħed jieħu b'id l-Arċisqof ta' Malta Mons. Gonzi) bejn Anton Buttugieg u Martu (10.6.73).*

ma' partit, biex jilħaq lill-qarrejja, Buttigieg kien jikteb fuq diversi suġġetti. Kiteb ukoll xi novelli li minnhom daħħalt "Iż-Żarbun tad-Dardanelli" fl-*Antoloġija ta' Proża Maltija.*[6] Imma l-aqwa xogħol bħala prożatur huwa l-awtobijografija tiegħu, fejn tkellem fuq ħajtu u fuq żmienu. Wieħed jista' ma jaqbilx ma' xi opinjonijiet kontroversjali – speċjalment xi ġudizzji persunali li fisser, imma jibqa' l-fatt li l-awtobijografija tiegħu (dnub li ma laħaqx spiċċaha!), hija opra ta' storja persunali u nazzjonali. Studju interessanti komparattiv ikun it-taqbil ta' *Rajt Malta Tinbidel* ta' Herbert Ganado[7] ma' *Mill-Album ta' Ħajti* ta' Buttigieg.[8] Fiex jixxiebhu u ma jixxibhux dawn iż-żewġ awturi? X'differenza fl-istil hemm bejn il-kitba tal-wieħed u dik ta' l-ieħor? Kif kienu jħarsu lejn il-ħajja u s-soċjetà bħala Maltin u bħala Nsara? Materjal għal studju komparattiv li forsi xi darba għad xi ħadd jidħol għalih.

Il-motiv ewlieni ta' l-awtobijografija ta' Buttigieg huwa wieħed essenzjalment persunali fl-isfond tal-ħajja politika tal-pajjiż. Qal minn xiex kellu jgħaddi biex minn raħal il-Qala, Għawdex, wasal sa l-ogħla karriera fil-pajjiż, dik ta' President tar-Repubblika. U ma setax jonqos li fl-awtobijografija, fl-isfond ta' l-*ego* tiegħu, ma jidħlux xi nies li kellu x'jaqsam magħhom fis-sewwa, kif ukoll fid-dnewwa, kif wieħed jista' jistenna meta jidħol fil-ħajja mqallba tal-politika.

Imma nerġgħu għall-poeżija.

Miegħi, Buttigieg ġie li stqarr il-fehmiet tiegħu dwar il-kitbiet tiegħu. Kien isemmi ta' spiss il-poeżija. Din kienet ħajtu. Din kienet ruħu. Il-prosodija tiegħu kienet dik tradizzjonali. Kien jemmen fid-dixxiplina strutturali u kien jara deġenerazzjoni tal-poeżija f'versi neqsin minn din id-dixxiplina, versi li jidhru biss oriġinali għax mhux tradizzjonali fl-istruttura tagħhom. Kien iqis bħala versi sempliċi u mhux bħala poeżija dawk il-kitbiet neqsin mis-sustanza poetika li hi essenzjalment tqanqil tar-ruħ li biex tilħaq lil ħaddieħor, tqanqal u togħġob, trid tikkomunika dan it-tqanqil. Poeżija magħluqa fiha

6. Ara Ġużè Aquilina, *Antoloġija ta' Proża Maltija*, it-tieni ktieb, Malta, 1979, pp. 19 – 24 fejn ġiet inkluża "Iż-Żarbun tad-Daradnelli".
7. Herbert Ganado, *Rajt Malta Tinbidel*, l-ewwel ktieb (1900 – 1933) Malta 1973; it-tieni ktieb (1923 – 1942), Malta 1974; it-tielet ktieb (1942 – 1955), Malta 1975 u r-raba' ktieb (1955 – 1969), Malta 1977.
8. Anton Buttigieg, *Mill-Album ta' Ħajti*, l-ewwel ktieb, Malta 1978; it-tieni ktieb, Malta 1980 u t-tielet ktieb, Malta 1981. Skond is-sinjorina M. Vella li kienet is-segretarja ta' Buttigieg meta kien President, hemm xi kapitli oħra lesti fit-tkomplija ta' dan l-album, illum ittajpjati u miżmuma għand Dr. John Buttigieg, iben il-poeta.



*Mix-xellug għal-lemin: Prof. Ġ. Aquilina, Ġ. Chetcuti, Prof. Ġ Galea, V. Apap, C. Coleiro, A. Buttigieg u Dun F. Camilleri – dak in-nhar li l-Akkademja tal-Malti 'tat' ikla b'radd ta' ħajr għall-ħidma lil xi membri tagħha.*

nnifisha u li ma tikkomunikax ma tinqarax, u din, fil-fehma tiegħi, hi fil-fatt l-akbar ħtija għaliex il-poeżija ta' żminijietna għadha tinkiteb imma m'hix tinqara.

B'mod ġenerali l-kitba ta' Anton Buttigieg kienet sfog tal-persunalità tiegħu: il-proża għall-ġurnaliżmu politiku jew għall-istorja ta' ġrajjietu u ta' dak li ġara madwaru, il-poeżija l-espressjoni tar-ruħ tiegħu fil-mument tat-tqanqil. Fil-fehma tiegħi Buttigieg daħal fil-letteratura bħala poeta u hekk se jibqa' miftakar aktar milli bħala prożatur.

Il-ħajja ta' Buttigieg kienet maqsuma mhux tant bejn il-qorti u l-poeżija daqskemm bejn il-poeżija u l-Partit Laburista.

Biex tinkiteb bijografija tiegħu bl-apprezzament tal-persunalità tiegħu jeħtieġ isiru riċerki mibnija fuq dak li kiteb qabel daħal mal-M.L.P. u dak li kiteb tul iż-żmien li għamel bħala membru fi ħdan il-partit kif ukoll bħala President tar-Repubblika, u bħala poeta.

Jista' poeta jirnexxi bħala politikant? Il-ħajja politika tiegħu għenet jew fixklet il-poeżija tiegħu? Inħalli t-tweġibiet għal min għad jasal biex jagħmel dan l-apprezzament. Ngħid għalija lil Buttigieg nafu u nibqa' nħobbu bħala poeta. Bħal Dun Karm, Buttigieg jista' jgħid għalih innifsu *"non omnis moriar"* – il-poeżija tibqa' wkoll meta l-politika, li tinbidel maż-żmien, tmut u tintesa.

L-istorja ta' min jidħol fil-ħajja pubblika tista' tinkiteb u tkun tabilħaqq oġġettiva ħafna snin wara mewtu, meta l-atturi ta' żmienu joħorġu minn fuq il-palk tal-politika. Imma m'hemm l-ebda dubju li għal dak li hu apprezzament tal-poeżija ta' Buttigieg m'hemmx bżonn nistennew li jgħaddu dawn is-snin. Il-poeta ġenwin jibda jinħass minn żmienu u jibqa' jinħass għal ħafna snin wara.



*DUN FRANS CAMILLERI (1919– ) mill-Marsa. Studja fis-Seminarju; għamel kors tal-Teoloġija fl-Università ta' Malta. Għallem il-Malti fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi u fis-Seminarju. Membru fl-Akkademja tal-Malti mill-1943. L-ewwel editur ta'* Il-Huġġieġa *u l-ewwel editur (u għadu) ta'* Lil Ħutna. *Għal xi snin membru u editur fl-Għaqda ta' Qari Tajjeb li stampat eluf ta' kotba żgħar b'tagħlim, xjenza u ħajjiet ta' qaddisin. Awtur ta' poeżiji,* essays, *artikli u innijiet pubblikati f'ġurnali u rivisti lokali. Awtur ta'* Moħba tal-Qalb *(1945),* Fil-Ġnejna tat-Tfulija *(1948),* Innijiet *(1948),* L-Għanja ta' Ħajti *(1964), – kollha poeżiji – u* Lejn id-Dawl *(1950)* (essays). *Qaleb għall-Malti innijiet u sekwenzi stampati fil-*Missal Malti. *Fotografu ta' għadd ta' xeni pubblikati kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.*

# MHUX GĦAX KIEN PRESIDENT TA' MALTA

**Dun Frans Camilleri**

BOSTA Maltin resqu lejn Anton Buttigieg u saru midħla tiegħu f'dawk il-ħames snin li dam bħala President tar-Repubblika ta' Malta, fosthom ukoll xi wħud li minħabba l-politika ma kinux jaqblu miegħu. Għalija, li kont nafu u li kont ngħożż il-ħbiberija ta' bejnietna sa minn tfuliti, Anton kien bniedem li jħobb is-sempliċità u s-sinċerità, bniedem ta' kuxjenza li jħobb lil Alla u lil għajru, u jifraħ u jitħenna bil-ġmiel tan-Natura. Dan kollu jidher safi u sabiħ fil-poeżiji kbar, il-ġmiel tagħhom, li ħallielna.

Kien fadal inqas minn sena biex Anton isir qassis. Anton u jien konna t-tnejn seminaristi, jien fl-ewwel sena tal-kors tal-Filosofija u tal-Letteratura, Anton fit-tielet sena tal-kors tat-Teoloġija; u għalhekk konna naraw lil xulxin u nitħaddtu flimkien kull jum. Imma lil Anton jien kont ili nafu l-Ħamrun u tħabbibt miegħu minn xi snin qabel, fil-Knisja ta' San Gejtanu. Kont għadni abbati fl-istess knisja fejn Anton kien jieħu sehem kbir fiċ-ċerimonji, u fil-Quddiesa kantata kien jaqra l-Kotba Mqaddsa bid-dehen u bis-sens. B'leħnu sabiħ u qawwi, kif ukoll b'persuntu, Anton kien jimla u jżejjen knisja.

Iżda r-rieda ta' Alla ma kenitx li Anton isir qassis. Anton kien ibati ħafna bl-istonku, u għalhekk missieru kien talab lir-rettur tas-Seminarju biex lil ibnu jagħtuh ikel li ma jagħmillux ħsara. Ir-rettur deherlu li fis-Seminarju kulħadd għandu jiekol l-istess. Fuq hekk tlewmu bejniethom u Anton, li kien sar ukoll nevrasteniku ħafna, kellu jitlaq mis-Seminarju. F'Ottubru ta' l-1936 beda l-kors tal-Liġi fl-Università Rjali ta'Malta minn fejn, fl-1940 ħa d-Dottorat.

Kien f'dak iż-żmien li Anton beda jħossu aktar hieni u f'sikktu u kien għalhekk li nfexx aktar fil-poeżija; u l-ħidma tiegħu għall-ġid ta' l-Ilsien bdiet tinfirex sewwa kemm fit-twaqqif tal-Għaqda ta' l-Ilsien Malti (Università) u kemm f'dik tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (l-Akkademja tal-Malti) kif ukoll fit-tlaqqigħ ta' ħbiberija ma' kittieba magħrufa Maltin, bħal Prof. Ġużè Aquilina, Prof. Pietru Pawl Saydon, Rużar Briffa, Ġorġ Pisani, Ġużè Bonnici, Ġużè Diacono u ħafna oħrajn.

F'dawk is-snin, fis-Seminarju, jien kont ġà bdejt inħarbex xi poeżiji, u għalkemm kont iżgħar minn Anton u sħabu l-kittieba, kont

Dun Frans Camilleri



*Presepju minn dawk li Anton Buttigieg kien jaħdem għat-tfal tiegħu.*

*Ritratt ta' Anton Buttigieg (minn wara) meħud fiċ-Chadwick Lakes fl-1948, f'waħda mill-ħarġiet ma' Dun Frans Camilleri.*

Dun Frans Camilleri



ġà bdejt innaqqar xi premju fil-konkorsi letterarji ta' *Il-Pronostku Malti.* Jien u Anton bdejna nuru xi poeżiji lil xulxin, u aktarx li kien għalhekk li l-ewwel poeżiji tiegħi kienu mnebbhin mill-ġmiel tan-Natura bħalma huma l-biċċa l-kbira tal-poeżiji ta' Anton – "il-Wordsworth" tal-Letteratura Maltija.

Wara li żżewweġ, Anton kellu tlett itfal fl-ewwel snin. Meta mititlu Nannie, li ħallietu b'dawk it-tfal żgħar, il-ħbiberija tagħna kibret u ssaħħet. Kont immur għandu aktar sikwit u kont tassew nitgħaxxaq bih narah jifraħ bit-tfal, jaħdem u jitħabat, flimkien ma' ommu u oħtu Marija, biex ilaħħaq max-xogħol kbir li titlob it-trobbija ta' tlett itfal hekk ċkejknin. Għalihom Anton kien l-omm u l-missier. U kont nifraħ mhux ftit meta Anton kien jedha fit-tisjir u kien jagħmel xi ftit ravjul b'togħma bnina kemm jista' jkun, b'irkotta tajba u ftit tursin. Imma kienet l-ikbar għaxqa għal Anton u għalija meta kien joqrob il-Milied. Kien iħobb jibni l-Presepju biex iferraħ lit-tfal. L-imħabba għan-Natura li kellu magħġuna f'demmu seta' joħroġha għad-dawl fl-irqaqat u s-sbuħija kollha tagħha meta kull sena kien jagħmel il-Presepju. Konna niġbru minn ġimgħat qabel gagazz, sagħtar u ħxejjex oħra mill-widien u x-xagħri. U l-Presepju kien jixgħel u jistagħna bil-palm fuq il-għoljiet, bix-xtiebi taz-zkuk mal-ħitan ta' l-egħlieqi u bil-pasturi mlewna fil-mogħdijiet imserrpa li jwasslu għall-għar tal-Bambin fil-maxtura. Kemm kien jifraħ Anton! Kont nistħajlu tifel bħal uliedu, b'dik is-sempliċità tiegħu. u hemm tassew kont niftakar fi kliem Kristu: "Jekk ma ssirux bħal dawn it-tfal ċkejknin, ma tidħlux fis-Saltna tas-smewwiet."

Ħafna drabi konna noħorġu bit-tfal, bil-karozza tiegħu u nerħulha lejn Il-Buskett, Is-Salini, L-Armier, Għajn Tuffieħa, Il-Wardija u bnadi oħra. Jien li kont ili s-snin niġbed ir-ritratti, bis-saħħa ta' dawn il-ħarġiet ma' Anton sibt il-ħin u ċ-ċans tajjeb biex nieħu ħafna ritratti kif inħobb jien. Lit-tfal ta' Anton ħadtilhom ħafna ritratti. Imma l-aktar wieħed għal qalbi kien dak meta lil Anton qegħedtu kontra x-xemx, bil-qasba f'idu bħala sajjied, bil-qiegħda fuq il-blat tas-Salini. Aktar 'il quddiem, dan is-"silhouette" deher fil-qoxra ta' barra tal-ġabra ta' poeżiji tiegħi *L-Għanja ta' Ħajti.*

Fl-1943, tliet snin wara li Anton sar avukat, jien ħadt il-Quddiesa. Bejn l-1944 u l-1945 ħatruni kappillan tal-Każin tal-Banda "San Gejtanu" li tiegħu fl-1955 kellu jsir President l-Avukat Anton Buttigieg. U ladarba qiegħed insemmi l-Każin fejn Anton u jien qattajna qrib it-tletin sena, nixtieq insemmi kemm ħadem Anton biex jara l-għaqda u s-sliem fil-Ħamrun. Mhux biss kien iħeġġeġ lill-membri tal-Każin tagħna biex fil-festa ta' San Gejtanu ma jinsulentaw bl-ebda mod lill-membri tal-Każin "San Ġużepp", imma sa wasal biex darba, jiem qabel il-festa, talabni bl-ikbar ħeġġa u serjetà biex jien nirriżenja




*Ritratt (*silhoutte*)*

*"sajjieḍ" meħud minn Dun Frans Camilleri u wara wżat fuq il-qoxra tal-ġabra ta' poeżiji ta' l-istess Camilleri,* L-Għanja ta' Ħajti.

*L-aħħar ritratt ta' Anton Buttigieg mal-kumitat tal-każin tal-banda "San Gejtanu".*



*Dun Frans Camilleri*



*Nhar il-kxif tal-lapida tal-presidenti tal-każin "San Gejtanu" (1977), Anton Buttigieg ħdejn l- Arċisqof ta' Malta, Mons. Ġużeppi Mercieca.*

*Anton Buttigieg fil-knisja tal-Ħamrun waqt waħda miċ-ċerimonji li saru fil-festi taċ-ċentinarju tal-Parroċċa.*





*Nhar il-kxif tal-bust lil Anton Buttigieg fil-każin tal-banda "San Gejtanu", fil-Ħamrun. It-tberik sar minn Dun Frans Camilleri.*



Lill-kabir tiegħi
Dun Frans Camilleri,
poeta bħali, li dejjem għenni
biex nippubblika l-poeżija tiegħi.
Anton Buttigieg
9/3/75

bħala kappillan tal-Każin bħalma hu stess kien qatagħha li kien se jirriżenja bħala President jekk il-Banda tagħna ddoqq marċ magħruf li bil-kliem tiegħu kien joffendi. Imma, tagħmel x'tagħmel, fid-dinja dejjem taqlagħha. Għax tabilħaqq kien hemm min ħaseb li Anton kien jagħmel dan għal xi vantaġġ persunali.

Ta' min ifakkar kemm Anton kien meqjus u prattiku fit-tmexxija tal-Każin, u fl-istess ħin kemm kien ta' kuxjenza. Niftakar li darba kien sabni spettur tal-pulizija u kien qalli li fil-Każin tagħna kien qiegħed jidħol wieħed raġel (mhux mill-Ħamrun) li kien sentenzjat mill-Qorti; qalli biex ma nħalluhx jidħol. Malli jien għedt lil Anton x'kien qalli, dan baqa' mistagħġeb u qisu skandalizzat bija għax donni qbilt ma' l-ideja ta' l-ispettur li nkeċċuh. U qalli: "Din x'karità hi? Forsi dak il-bniedem inqabad wara li żbalja darba jew tnejn u mar il-ħabs; u forsi wara ra l-iżball tiegħu u biddel ħajtu. Imbagħad tiġu int u l-ispettur u tridu taqtgħuh għal għomru mis-soċjetà u tkeċċuh minn kullimkien u ġġagħluh jiddispra. Għaliex ma nħalluhx jidħol u nżommu għajnejna fuqu, jiena u inti biss? Għalija din kienet tagħlima kbira minn ħabib kbir li jien sirt nafu u tħabbibt miegħu mhux meta sar President ta' Malta, imma minn ħafna snin qabel – ħabib twajjeb u għaref li kien għoddu wasal biex isir saċerdot bħali.

Meta Anton inħatar Ministru tal-Ġustizzja u wara President tar-Repubblika ta' Malta ma nfatamx mill-Letteratura Maltija. Baqa' jikteb u jikteb kemm jiflaħ. Jien kont naralu l-provi, nitħaddet miegħu dwar xi tibdil fil-poeżiji u fil-grammatika, u wkoll nittajpjalu biċċa sewwa mill-manuskritti tiegħu. Kont insus warajh biex ma





*"Dan ir-ritratt talabhuli Anton Buttigieg meta sar Ministru tal-Ġustizzja fl-1971."*
*– Dun Frans Camilleri.*

joqgħodx isemmini u jiżżini ħajr fil-"Kelmtejn Qabel" ta' kull ktieb, għalkemm ġie li għamel ta' rasu u semmieni. Imma mbagħad f'kull ktieb li kien jagħtini, Anton kien jiktibli d-dedika b'idejh.

Meta kien President tar-Repubblika Anton kien jistieden lilna l-membri ta' l-Akkademja tal-Malti fil-Palazz ta' San Anton fejn konna niltaqgħu flimkien miegħu u nitħaddtu bejnietna dwar il-qagħda ta' l-Ilsien Malti u l-Letteratura Maltija. Wara, imbagħad, kien jagħtina l-pastizzi u nbid tajjeb ta' Malta – kollox Malti.

Ħafna Maltin u Għawdxin għad jibqgħu jiftakru lil Anton Buttigieg bħala poeta mill-kbar, u xejn iżjed. Imma, aktar minn poeta, jien nibqa' niftakru u ngħożżu f'qalbi u f'moħħi bħala bniedem li ħabb lil art twelidu u tħabat biex jagħmlilha l-ġid sa l-aħħar ta' ħajtu. Meta ntebaħ li għalih kien wasal it-tmiem, b'rieda qawwija, Anton ġabar is-saħħa kollha li kien għad fadallu, u bit-tagħlim li kellu u bid-dehra ta' Kristu quddiemu, qabad il-pinna b'idu titriegħed u kiteb il-poeżija mill-aktar sinċiera: "Is-Salib".*

Ħsibijiet sbieħ, imnissla mill-moħħ u mill-qalb ta' poeta kbir, li jaf li m'huwiex se jdum ma jiltaqa' ma' Alla ħanin, u għalhekk Lilu, bi kliem magħżul li jolqot u jqanqal, jitolbu bil-ħniena l-hena ta' dejjem.

*Ara din il-Poeżija f'p. 38 infra.



*CHARLES BRIFFA (1948– ) minn Ta' Xbiex. Studja fl-Università ta' Malta fejn iggradwa B.A. (Hons) fl-Ingliż (1973) bit-teżi* "A Linguistic Investigation of Comic Strips and Cartoons in Newspapers" *u M.A. (1980) bit-teżi* "The Correlation between the Home and the School Environment, and Language Learning in Malta". *Ħa kors fil-Psikoloġija Industrijali mal-Metropolitan College (Ingilterra) (1979) u attenda kors ta' diploma fit-tagħlim ta' l-Għarbi fl-Università ta' Malta (1980–1982). Rebaħ* scholarship *(1986–87) mingħand ir-Rotary International għal Oklahoma State University (U.S.A.) fejn se jsegwi M.S. fir-riħabilitazzjoni. Qed jaħdem fuq teżi* "Education and Language Development" *għal Ph.D. ma' l-Università ta' California. Awtur ta' novelli, studji lingwistiċi, kritika u riċensjonijiet ta' xogħlijiet diversi. Membru fil-bord editorjali* The Teacher. *Membru fl-Akkademja tal-Malti mill-1985.*

# BIBLIJOGRAFIJA ANTON BUTTIGIEG

**Charles Briffa**

Għall-okkażjoni ta' egħluq it-tliet snin mill-mewt ta' Anton Buttiġieġ, ġejt imqabbad mill-Akkademja tal-Malti sabiex nagħmel biblijografija sħiħa tax-xogħlijiet kollha letterarji u non-letterarji tiegħu. Wara li, bl-assistenza ġeneruża tas-S.na Christine Caruana, ġbart u laqqatt kulma sibt fil-librerija ta' l-Iskola Sekondarja tas-Samra, il-Ħamrun, fit-8 ta' Diċembru, 1985, ktibt sitt ittri lil-libreriji ewlenin f'Malta u f'Għawdex, u oħra lill-Onor. Dr. J. Buttiġieġ B.A., LL.D., M.P., bin il-poeta.

Lil dawn kollha tlabthom jibagħtuli kwalunkwe għajnuna biblijografika li setgħu jikkumpilaw. Risposti ġew mingħand:

*Anthony Mangion B.D., Lic.D., M.A. (Sheffield), Deputat Librar ta' l-Għaqda Biblijotekarji, li offrieli l-użu tal-Melitensja ta' l-Università, u li jien naturalment ilqajt;
*Dr. Paul Xuereb B.A. (Hons), LL.D., Dip. Lib. (Lond.), Librar ta' l-Università ta' Malta, li kellu jindikali xi isimijiet li ħallejt barra però din il-korrispondenza qatt ma waslitli;
*John Sultana B.A., A.L.A., Biblijotekarju tal-Biblijoteka Nazzjonali li bagħatli lista ta' xogħlijiet b'riferenzi sħaħ.

Ta' għajnuna wkoll kien Joe Zammit Ciantar B.A., M.A. li mela xi vojt fid-dettalji li kelli. Bejn il-31 ta' Jannar u t-2 ta' Frar 1986 kont qiegħed għall-btala l-Qala fid-dar tal-mistrieħ ta' Kelinu Vella Haber u hemm ukoll approfittajt ruħi mill-opportunità.

F'medda twila ta' erbgħin sena fil-qasam tal-kitba, ġurnaliżmu u politika seta' kien hemm wisq aktar xogħlijiet pubblikati minn dawn li għandi hawn taħt. Jekk kien hemm ma rnexxilix insibhom, u l-qarrej huwa mistieden ġentilment iżid għad-dawl is-sejbiet ġodda tiegħu.

"The Course of Offences and Punishments" – *Scientia* 1943, Vol. IX, 2; pp. 83 – 88.
*Mill-Gallerija ta' Żgħożiti* (Malta: Lux Press, 1945) l-ewwel damma ta' poeżiji.
*Fanali bil-Lejl* (Malta: Empire Press, 1949) it-tieni damma ta' poeżiji.
*Ejjew Nidħku Ftit* (Malta: Union Press, 1962) l-ewwel damma ta' epigrammi.

*Il-President ta' Malta*

IL-JUM tal-31 ta' Marzu 1979 sejjer ikun ġrajja storika mill-aqwa fl-istorja ta' Malta. Fih sejrin nibdlu sistema ta' ħajja li għixna fiha għal madwar tlitt elef sena. F'dawn l-eluf ta' snin kellna dejjem riġmenti u bastimenti tal-gwerra barranin fuq gżiritna. F'dak il-jum dawn sejrin jitilqu darba għal dejjem.

Tul il-ġrajja tagħna kellna ħafna bidliet. Kellna bidla meta ġew ir-Rumani, l-Għarab, l-Ispanjoli, il-Kavallieri, il-Franċiżi u l-Ingliżi. Imma dawk kienu bidliet li jitqiesu ħafna: flok sid u ħakkiem daħal ieħor u aħna bqajna fejn konna.

Din id-darba mhux hekk. Din id-darba s-sidien sejrin inkunu aħna. U għalhekk ir-responsabbiltà li ser taqa' fuq spallejna għall-pajjiżna ser tkun wisq akbar. Irridu naħsbu mhux biss għall-ekonomija tagħna li ser tbati xi ftit bl-irtirar tat-truppi Ingliżi, imma rridu naħsbu wkoll għaddifiża u għal dak kollu li qabel konna nieħdu mis-Servizzi Ingliżi.

Jiena m'għandi l-ebda dubju li Malta ser tirnexxi fil-missjoni l-ġdida bħala ċentru ta' paċi fil-Mediterran kif irnexxiet li tagħmel l-aqwa progress wara li kisbet l-indipendenza. Ħafna profeti foloz beżżgħu lill-Maltin mill-indipendenza u ħabbru ġuħ u kaos! Malta taqdi l-missjoni tagħha ġdida kif qdiet dik ta' fortizza taċ-ċiviltà nisranija u tad-demokrazija fl-imgħoddi kontra egħdewwa aktar ħorox.

Il-kundizzjoni ewlenija li jiena nara essenzjali għas-suċċess hija li nkunu magħqudin u li naħdmu flimkien biex niksbu l-għan il-ġdid ta' artna. Ejjew nifhmu li aħna aħwa u familja waħda u li għalhekk mhux talli ma nistgħux nagħmlu deni lill-familja imma għandna nagħtuha l-isforzi kollha tagħna u jekk jeħtieġ inċarċru demmna għaliha.

Anton Buttigieg

*Il-messaġġ lill-qarrejja ta'* Sagħtar *li Anton Buttigieg bagħat fl-okkażjoni tal-31 ta' Marzu, 1979. (Ara kumment f'pp. 21–22.)*

"Xandira Oħra Pprojbita" (Malta: Freedom Press, 1964) taħdita tad-deputat mexxej tal-partit, iċċensurata mill-Awtorità tax-Xandir.
"Xandira Oħra Pprojbita" (Malta: Freedom Press, 1964) xandira li ma tħallietx issir.
*Ejjew Nidħku Ftit Ieħor* (Malta: Lux Press, 1965) it-tieni damma ta' epigrammi.
*Qasba mar-Riħ*, l-ewwel edizzjoni (Malta: Freedom Press, 1967); it-tieni edizzjoni (Malta: Union Press, 1969); it-tielet edizzjoni (Malta: Union Press, 1977) it-tielet damma ta' poeżiji.
*Il-Muża bil-Kimono* (Malta: Union Press, 1968) ir-raba' damma ta' poeżiji.
*Fl-Arena* (Malta: Union Press, 1970) il-ħames damma ta' poeżiji.
*Ballati Maltin* (Malta: Union Press, 1972).
"Taħdita fl-Okkażjoni tal-Jum Nazzjonali, 1972" D.O.I., 1972.
*Il Mare di Malta*, l-ewwel edizzjoni (Roma: De Luca, 1973); it-tieni edizzjoni (Roma: De Luca, 1980) – traduzzjoni ta' A. Cassola.
*L-Għanja tas-Sittin* (Malta: Lux Press, K.K.M. 1974) is-sitt damma ta' poeżiji.
*The Lamplighter* (Scotland: Isle of Skye, Aquilina, 1977) – traduzzjoni ta' F. Ebejer.
*Mill-Album ta' Ħajti: Toni tal-Baħri* (Malta: Lux Press, K.K.M., 1978) l-ewwel volum ta' awtobijografija.
*Poeżiji Miġbura* (Malta: Lux Press, K.K.M., 1978) l-ewwel volum.
*Qabas al Misbaħ: Qasa Sid Shariyyat* (Malta: 1979) – traduzzjoni ta' A. Salim al Qadi, M. Mustafa Balħaj u A. Talaat Suleiman.
*Der Laternenanzünder* (Malta, 1979) – traduzzjoni ta' A. Friggieri u B. Erdtmann.
*Mill-Album ta' Ħajti: L-Għażla tat-Triq* (Malta: K.K.M., 1980) it-tieni volum ta' awtobijografija.
*Mill-Album ta' Ħajti: Fil-Morsa tal-Gwerra* (Malta: K.K.M., 1981) it-tielet volum ta' awtobijografija.
*O Mar de Malta* (Rio de Janeiro: Espressae e Cultura, 1981) – traduzzjoni ta' M. de Oliveira.
"Editorial" – *Naturopa* 1982, Nru. 40 – rivista taċ-Ċentru Ewropew ta' Informazzjoni dwar il-Ħarsien tan-Natura, Kunsill ta' l-Ewropa.
Ittri Nri. 8, 53, 280 – *Għażiż Karmenu . . .* ta' K. Vassallo (Malta: Gulf, 1982).
*Tony the Sailor's Son* (London: Onyx Press, 1983) – traduzzjoni ta' W. Driscoll.

Fil-Melitensja ta' l-Università, tal-qroqq, jinsab ukoll *typescript* ta' diskors li Anton Buttiġieġ kien għamel f'Ħal Għaxaq fit-3 ta' Frar, 1962.

Xi xogħlijiet oħra ta' Anton Buttiġieġ jidhru f'dawn ir-rivisti Maltin minbarra oħrajn f'diversi gazzetti lokali:

*Il-Malti*
*Leħen il-Malti*
*Il-Pronostku Malti*
*Il-Polz*
*Programm tat-Teatru Manoel* (29 ta' Marzu, 1979)

Jinsabu xi xogħolijiet ukoll f'dawn l-antoloġiji:

*Ward ta' Qari Malti*, l-ewwel, it-tieni u t-tielet ktieb, ta' P.P. Saydon u Ġ. Aquilina (Malta: Aquilina, 1936–40).

*Mill-Ġnejna Maltija* ta' O. Gulia (Malta: Aquilina, 1951).
*Ġabra ta' Poeżiji għat-Tfal* ta' R. Vella Tomlin (Malta: Aquilina, 1953).
*Spirituale Convegno* ta' V.M. Pellegrini (Malta: 1953).
*A Maltese Anthology* ta' A.J. Arberry (London: O.U.P., 1960).
*Il-Muża Maltija* ta' Ġ. Aquilina (Malta: Aquilina, 1964).
*"Vatum Consortium"* jew *il-Poeżija bil-Malti* ta' K. Vassallo (Malta: Dar ta' S. Ġużepp, 1968).
*Linji Ġodda* ta' P. Serracino Inglott (Malta: Lux Press, K.K.M., 1973).
*Poeti Maltin* ta' Ġ. Chetcuti (Malta: Aquilina, 1973).
*Orizzonte Senza Fine* ta' V.M. Pellegrini (Malta: L'Isola, 1975).
*Wirt il-Muża* ta' D. Fenech (Malta: P.A.M., 1977).
*Cross Winds* ta' O. Friġġieri (Scotland, Wilfion Books, 1980).

Kull korrispondenza għandha tintbagħat lill-Editur.
All communications should be addressed to the Editor.
Ogni corrispondenza da spedirsi al Direttore
Toute correspondance doit être envoyée au Directeur

**© Il-Jedd ta' riproduzzjoni ta' artikli/poeżiji pubblikati f'*Il-Malti* huwa miżmum mill-awturi rispettivi tagħhom u mill-Akkademija tal-Malti u xejn ma' jista' jiġi pubblikat mingħajr il-permess meħtieġ bil-miktub tagħhom.**

## MATERJAL GĦALL-PUBBLIKAZZJONI

*Mhux bilfors li kull xogħol li jintbagħat lill-Bord Editorjali jiġi pubblikat f'*Il-Malti. *Il-Bord għandu d-dritt ma jippubblikax artiklu/i u/jew poeżija/i mingħajr ma' jagħti ebda raġuni.*

Il-Bord Editorjali

Disinn u Produzzjoni tal-pubblikazzjoni **Joe Zammit Ciantar**
Issettjat għand il-**Promotion Services Ltd.**, Sliema
Mitbugħ fl-istamperija **Gutenberg** – Żabbar



Ġesù,

mi għandix in-xorti
li nkun imsallab
biex nidejja f'salib ukoll;
iżda għall-anqas għidli
f'mi kun:
"Illum tkun miegħi
fo dar Missieri."

16/10/80.

D. [illegible]